Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 310 / 2019**

Il-Pulizija

(Spettur Anne Marie Micallef)

vs

**John Camilleri**

**Antonia Camilleri**

Illum, 11 ta' Frar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat John Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' numru 448351M u Antonia Camilleri, detentrici tal-karta tal-identita' numru 398456M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

F' Awwissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010, f'dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprijaw ruhhom, billi dawwru bi profit ghalihom jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Pace Caterina (I.D.41522M) anzjana ta' 90

sena, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. Talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Pace Caterina (I.D.41522M).

Lil John Camilleri Wahdu:

3. Talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku ikkommetta reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi;

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif tikkontempla fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti illiberat lill-imputati minn kwalunkwe htija u piena mill-akkuzi fuqhom migjuba.
Rat ir-rikors tal-appellanti l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha **<u>tħassar u tirrevoka</u>** s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar il' fuq f'dan l-umli appell, tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat **illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu f' dan li ġej.**

Illi fil-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-esponent appellant Avukat Ġenerali rċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kif preseduta, permezz tas-sentenza Tagħha kif hawn fuq riferuta, inter alia, kienet manifestament żbaljata u għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li filfatt waslet għall-ħelsien tal-imputati mill-<u>imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrihom</u> u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi umli appell ai termini tal-**Artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi, fost id-diversi kunsiderazzjonijiet magħmula, l-ewwel Qorti ddeċidiet li tillibera lil **John Camilleri** u **Antonia Camilleri** minn kull reat kif ipprospettat, għaliex fil-fehma tagħha x-xhieda tal-*parte civile* **Caterina Pace** kienet waħda nkonsistenti kif ukoll għaliex lanqas ma nġabet prova ta' żmien jew id-data meta ngħataw il-flejjes konċernati lill-appellati, infatti l-Ewwel Qorti kkonkludiet hekk -

*"Tenut kont ta' dawn l-inkonsistenzi fit-testimonjanza ta' Pace, il-Qorti ċertament <u>ma tistax tistrieħ unikament fuqha</u> meta din tiċħad li qatt kienet taf li John Camilleri kien ttrasferixxa is-€6,988.11c li kien hemm fit-tlett kontijiet bankarji! Iżjed u iżjed rigward it-€30,000 meta ma tingħata l-ebda indikazzjoni ta' żmien data meta dawn ingħataw lil Antonia. <u>Lanqas ma ssemmi Pace, forsi sabiex ma jinħoloqx aktar diżgwid bejn l-aħwa, li kienet anka tagħat €1,600 lill-imputati!"</u>*

Illi, huwa minnu li f'dan il-każ jeżistu żewġ verżjonijiet kunfliġġenti a rigward dak li ġara fl-istess – u ċioe' l-verżjoni tal-ko-appellati u l-verżjoni tal-*parte civile* min-naħa l-oħra. Filwaqt illi l-*parte civile* tinsisti li hija kienet għaddiet is-somma ta' €30,000 lil Antonia Camilleri sabiex l-istess Camilleri tiddepożitalha dawn il-flus il-bank, flimkien ma' l-ammont ta' circa €7000 oħra l-imputati Camilleri jisħqu illi s-somma ta' €30,000 hija non-eżistenti, filwaqt li s-somma ta' circa €7000 ingħatat lilhom mill-anzjana *parte civile* bil-*buona volonta'* tagħha bħala kumpens għal dak li kienu jagħmlu magħha;

Illi, a kuntrarju ta' dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, fl-umli fehma tal-esponent il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* kienet aktar verosimili minn dik mogħtija mill-ko-appellati u dan qed jingħad in vista tal-provi l-oħra miġjuba fil-mori ta' dan il-każ fl-intier tagħhom. Bi qbil mal-Ewwel Qorti, l-esponent jisħaq illi wieħed ma jistax jistrieħ unikament fuq il-*parte civile* iżda jrid jara l-assjem tal-provi kollha sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' raġjonevolment u b'konvinċiment morali trankwill għall-aħħar tasal sabiex tikkonkludi li dak li qed isostnu l-imputati mhux minnu u ssib li l-provi jwaslu b'mod inekwivokabbli għall-ħtija tal-imputati:

Illi, primarjament, l-esponent jagħmel referenza għax-xhieda tal-parte civile a folio 16 tal-atti proċesswali, fejn Caterina Pace tixhed hekk:

*"Kelli 30,000 moħbija ġo kexxun tiegħi biex ħadd ma jmisshomli"* u

*"Dak kont inħit u kelli l-annimali u dejjem nerfagħhom għal meta forsi xi darba mmur ġo xi home, ikolli minn fejn inħallas. U hi (Antonia) kienet tbeżżgħani li għad jeħduhomli u x'naf jien u imbagħad jiena għidt mela aħjar nagħtihomlha u tagħmilhomli l-bank. U tajthomlha u mbagħad wara ftit ġiet qaltli u kellek 7000 oħra l-bank ġbarthomlok mal-oħrajn bix imbagħad nagħtuk l-imgħax tagħhom. U l-imgħax ma tawhomli qatt."* u

*"tajthomlha biex tagħmilhomli l-bank u hi qaltli mbagħad inġibulek l-imgħax tagħhom. Mhux talli ma ġabitlix l-imgħax imma talli ħaditli is-7000 l-oħra."*

Illi, wkoll l-eżistenza ta' dawn il-flus ġiet anke ppruvata tramite t-testimonjanza ta' **Albert Camilleri** ħu l-appellat John Camilleri, illi jixhed a folio 53 et seq tal-atti proċesswali, kif il-*parte civile* Pace tabilħaqq kellha ammont ta' flus kontanti mġemmgħin id-dar, *stante* li kien huwa stess illi anke kien imur il-bank bil-għan illi jsarfilha ammonti ta' flus - liema ammonti ta' flus jammontaw għal circa €35,000 - minn flus Maltin għall-munita Ewro. Kwindi, huwa stat ta' fatt ippruvat illi l-vittma kienet fil-pussess ta' ammont sostanzjali ta' flejjes kontanti d-dar tagħha, liema flejjes hija dejjem sostniet li kienet għaddiethom lil Antonia Camilleri sabiex tiddepożitahom il-Bank;

Illi, ġie stabbilit ukoll permezz tax-xhieda ta' **Joseph Camilleri** wkoll ħu l-appellat John Camilleri, illi Pace kienet filfatt sorpriża kif din is-somma ta' €30,000 qatt ma ġiet depożitata l-bank minn Antonia Camilleri,, kif ukoll illi s-somma ta' €7000 kienet ġiet miġbuda minn John Camilleri minflok illi din ġiet depożitata fil-kont bankarju flimkien mat-€30,000, hekk kif madanakollu kienet qaltilha l-appellata;

Illi, fl-umli fehma tal-esponent din hija l-aktar prova illi kellha tingħata piż u tikkorraborha l-verżjoni tal-*parte civile*, magħdud ma' dan kollu l-esponent jagħmel referenza għat-transcripts tas-CD li jikkontjenirecording ta' diskussjonijiet li saru bejn Caterina Pace u Antonia Camilleri (esebiti a folio 193 tal-atti proċesswali), liema recording ġie meħud minn Pace u li m'hemm l-ebda kontestazzjoni għar-rigward stante illi l-appellata Camilleri stess kkonfermat bil-ġurament tagħha illi wieħed mill-ilħna li jinstema' huwa tabilħaqq tagħha. L-esponent jagħmel referenza b'mod partikolari għas-segwenti brani:

**Track 1**

*"Mara 2: Meta se mmorru għand in-Nutar ħalli ttini dak li sraqtli?*

*Mara: Jiena lili jiena lili m'għandekx x'taqsam lili ma ħallejtli xejn jien min jiena mniżżla min imkien u lili toq toqgħodx dan jiena li jgħidulek l-oħrajn tiġi taqbad miegħi jiena m'għandix x'naqsam...."*

U

*"Mara 2: (ma jingħarafx) ħa ġġibomli*

*Mara: Ma dakx ehh le li ktibt kibt lil Gianni u jiġifieri jien m'għandix noqogħod noqogħod infuq fuq dawk l-affarijiet sewwa inti*

*Mara 2: Ktibt lil Gianni u ktibt lielk mhux xorta waħda*

*Mara: Le Le*

*Mara 2: Le*

*Mara: Fuq Gianni qiegħed imnizzel hux*

*Mara 2: Allura..Mela għi..għid lilu mela*

*Mara: Daqshekk hu kollox*

*Mara 2: Jiġi hu...jiena* ***t-tletin elf*** (emfasi tar-rikorrent) *f'idejk tajthom ma tajthomx f'idejn Gianni*

*Mara: Imma għidtlek għidtlek dawn fuq Gianni ma jistgħux jitnizzlu fuqi qed tifhem fuq Gianni tniżżlu u ma tniżlux fuqi."*

**Track 2:**

*"Mara 2: Meta bi ħsiebek iġġibli dawk il-flus*

*Mara: Jien m'għandix x'naqasam jien m'għandix flus jiena fuq ismi jew hekk imma qed tifhem*

*Mara 2: Imma jien f'idejk tajthom*

*Mara: Imma jiena jiena mhux fuq*

*Mara 2: Ara x'għamilt bihom mela*

*Mara: Inti meta tatjhomli għidtlek mela dawn għal Gianni ħa jkunu issa jien għal Gianni jiġifieri jekk huma fuq Gianni fuq Gianni qegħdin*

*Mara 2: Mela għidlu jġibhom"*

**U Track 3**:

*"Mara: Ehh kien ilek tgħidli ġibhom ħa nagħmilhom il-bank għax*

*Mara 2: Le jien*

*Mara: għax jidħlu hawn jisirquhomli"*

Minn dawn il-brani joħroġ biċ-ċar illi l-appellata fl-ebda mument ma tiċħad illi hija ġiet mgħoddija s-somma ta' €30,000 fi flus kontanti. L-appellata ssostni biss illi hija m'għandix x'taqsam ma' dawn il-flejjes stante li kien ir-raġel tagħha l-appellat John Camilleri li kien il-prokuratur tal-istess Pace! **Kwindi, l-esponent jinsab perpless kif l-ewwel Qorti setgħet qatt tillibera lill-appellati meta, meta wieħed jisma' dawn ir-recordings u jaqra t-transcripts joħroġ kjarament illi fl-ebda ħin ma kien hemm kontestazzjoni li Pace għaddiet is-somma ta' €30,000 lil Antonia Camilleri.** Il-buon sens jiddetta li jekk wieħed jiġi mitlub jirrestitwixxi somma li qatt ma ġiet mgħoddija lilu, jkun hemm xi forma ta' kontestazzjoni da parte l-persuna li ġiet mitluba tirritorna tali somma li kieku din is-somma qatt ma kienet verament mgħoddija lilu. L-esponent isibha diffiċli jemmen l-ispjegazzjoni mogħtija minn Antonia Camilleri a rigward u ċioe' li din fehmet li Pace kienet qed tirreferi għat-Lm 3000 li kienu fil-kontijiet bankarji (u ċioe' is-€6,988). Meta wieħed jisma' r-recording in kwistjoni huwa ċar li l-ammont li jiġi mitkellem dwara huwa ta' €30,000 u mhux Lm 3000. Għalhekk, il-buon sens jiddetta li, li kieku din is-somma ma kinitx ingħatat lilha, hi kienet tibqa' tinsisti fuq hekk u mhux minflok tinsisti li kien hemm ftehim bejniethom u li Pace daħlet għal dan il-ftehim kuntenta!

Illi, fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti sostniet ukoll illi kien jispetta lill-prosekuzzjoni u saħansitra tisħaq illi *"Kien ikun indikattiv kieku rriżulta meta l-istess somma ġiet depożitata fil-kont tal-imputata;"* u li l-prosekuzzjoni *"xorta tibqala' d-diffikulta' li tipprova li ż-żmien meta l-allegata somma ta' €30,000 ngħatat lil Antonia."* B'kull dovut rispett, jekk wieħed

jirreferi għax-xhieda tal-kwerelanta – l-aqwa prova li setgħet iġġib il-prosekuzzjoni fiċ-ċirkostanzi – jirriżulta hekk:

*"Dak kont inħit u kelli l-annimali u dejjem nergagħhom għal meta forsi xi darba mmur ġo xi home, ikolli minn fejn inħallas. U hi (Antonia) kienet tbeżżgħani li għad jeħduhomli u x'naf jien u imbagħad jiena għidt mela aħjar nagħtihomlha u tagħmilhomli l-bank. U tajthomlha u* ***mbagħad <u>wara ftit</u> ġiet qaltli u kellek 7000 oħra l-bank ġbarthomlok mal-oħrajn bix imbagħad nagħtuk l-imgħax tagħhom****. U l-imgħax ma tawhomli qatt."*

Illi, mill-atti proċesswali u senjatament mir-riċerki u dokumenti bankarji esebiti fl-atti proċesswali jirriżulta illi l-ammont ta' €6988 nġibed minn John Camilleri permezz tal-prokura li kellu fis-16 ta' Lulju 2010 u fl-istess ġurnata wkoll nġibed l-ammont ta' €392.68 bl-istess prokura fuq imsemmija. Kwindi, in linea max-xhieda tal-vittma u ċioe' b'mod speċjali fejn hija ssostni **<u>"wara ftit"</u>**, wieħed għandu jifhem illi ż-żmien meta l-allegata somma ta' €30,000 ngħatat lil Antonia Camilleri bil-fors ried ikun qabel is-16 ta' Lulju 2010, għaliex kien biss "wara ftit" illi l-parte civile talbet lil Antonia Camilleri tpoġġilha s-somma ta' €30,000 illi Camilleri infurmatha li kienu ġabru s-somma ta' circa €7000 mal-ammont ta' €30,000 – xi ħaġa li qatt ma saret u dan hekk jirriżulta mix-xhieda tal-parte civile u Joseph Camilleri li kien qed jakkompanja lill-parte civile meta din skopriet b'dan kollu;

Illi, in oltre, fid-deċiżjoni tagħha l-ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għaldonazzjoni li saret mill-parte civile lil John Camilleri fil-05 ta' Lulju 2010 fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ssostni illi:

*"Din ix-xhieda (hawnhekk il-Qorti qed tirreferi għax-xhieda tan-Nutar Jurgen Galea a folio 436 et seq tal-atti proċesswali) tikkontradixxi il-verżjoni mogħtija minn Pace lill-Pulizija u lil din il-Qorti meta tallega li kien l-imputat li għamel kollox minn wara daharha."*

Ta' min ifakkar illi fix-xhieda tiegħu, u f'dik li tagħmel referenza għaliha l-ewwel Qorti n-nutar Jurgen Galea jgħid illi kienu l-appellati li nkarigawh u ħadu ħsieb l-atti preparatorji kollha. Kwindi, wieħed jifhem għalfejn Pace ssostni *"bi żball, ma kontx naf*

*x'qegħda ngħid sewwa għidt mingħalija bħal ma għidt qabel inkun nista nerġa' nirranga"* (vide folio 279 tal-atti proċesswali) għaliex hija dejjem kellha f'moħħha li dak li kienet qed tagħmel kien simili għal meta wieħed jagħmel testment u ċioe' li huwa riversibbli. Fl-umli fehma tal-esponent, Pace ma ċaħditx illi għamlet donazzjoni iżda kienet tal-fehma li din setgħet tiġi rexxindatha;

Illi, għaldaqstant in vista ta' dak indikat supra huwa ċar li l-Qorti qatt ma setgħet tasal għal dik il-konklużjoni b'mod raġonevoli fejn jidher ukoll li kien hemm biżżejjed provi sal-grad rikjest li jwasslu għas-sejba tal-ħtija tal-akkużat.

Ikkunsidrat;

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu tas-sena elfejn u tnax (2012) Dr Anthia Zammit ghan-nom ta' Caterina Pace[1], talbet sabiex jinhargu imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati John Camilleri u Antoinette[2] Camilleri;

2. Il-kwerelanta Caterina Pace allegat li kienet ghaddiet tletin elf ewro (€30,000) lil Antoinette Camilleri sabiex dawn jigu depozitati fil-kont bankarju tal-kwerelanta stess stante li kienet tbezzaha li se jidhlu jisirquha. Allegat ukoll li John Camilleri kien ittrasferixxa is-somma ta' sitt'elef, tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€6988.11) mill-kontijiet bankarji ta' Caterina Pace ghall-kont tieghu u dan skontha minghajr l-awtorizzazzjoni taghha;

3. Il-kwerelanta Caterina Pace allegat li meta marret il-bank tistaqsi fuq flusha sabet li mhux biss kien hadilha s-somma ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€6988.11) izda sabet ukoll li t-tletin elf ewro (€30,000) ma kienux gew depozitati fil-kont bankarju taghha.

---

[1] Skont kwerela li tinsab a fol 34 u mmarkata bhala Dok AM2

[2] Fl-atti xi kultant l-appellata hija riferuta bhala 'Antoinette' u xi kultant bhala 'Antonia'

4. Illi kien ghalhekk li nhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellati.

Dan huwa appell tal-Avukat Generali fejn permezz tieghu jissottometti li l-Ewwel Qorti ddecidiet li tillibera lill-appellati min kull reat kif prospettat ghaliex fil-fehma tal-Qorti x-xhieda tal-parte civile Caterina Pace kienet wahda inkonsistenti kif ukoll ghaliex lanqas ma ngabet prova ta' zmien jew id-data meta nghataw il-flejjes koncernati lill-appellati. L-appellant jissottometti li huwa minnu li f'dan il-kaz jezistu zewg verzjonijiet kunfliggenti u cioe' l-verzjoni tal-ko-appellati u l-verzjoni tal-parte civile, li filwaqt li l-parte civile tinsisti li hija kienet ghaddiet is-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) lil Antonia Camilleri sabiex Camilleri tiddepozitalha dawn il-flus il-bank, flimkien mal-ammont ta' circa sebet'elef ewro ohra, l-imputati jishqu li s-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) hija non-ezistenti, filwaqt li s-somma ta' cirka sebat'elef ewo (€7000) inghatat lilhom mill-anazjana bil-buona volonta taghha bhala kumpens ghal dak li kienu jaghmlu maghha. Skont l-appellant il-verzjoni tal-parte civile kienet aktar verosimili minn dik moghtija mill-ko-appellati u dan qed jinghad in vista tal-provi l-ohra migjuba fil-mori tal-kaz. Jaghmel referenza ghax-xhieda tal-parte civile, ghax-xhieda ta' Albert Camilleri u Joseph Camilleri dwar l-ezistenza tat-tletin elf ewro (€30,000) u anke jaghmel referenza ghat-traskrizzjoni tar-recordings fejn hemm diskursata bejn il-kwerelanta u l-appellata Antonia Camilleri. Jissottometti li mill-brani l-appellata Antonia Camilleri fl-ebda mument ma tichad li hija giet mghoddija s-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) fi flus kontanti. Li ssostni biss li hija ma ghandhiex x'taqsam ma dawn il-flejjes stante li kien ir-ragel taghha l-appellat John Camilleri li kien il-prokuratur tal-istess Pace. L-appellant jaghmel anke referenza ghax-xhieda tal-parti leza li taghti indikazzjoni ta' meta allegatament ghaddew it-tletin elf ewro (€30,000). Skont l-appellant, il-Qorti qatt ma setghet tasal ghal dik il-konkluzjoni b'mod ragonevoli fejn jidher ukoll li kien hemm bizzejjed provi sal-grad rikjest li jwasslu ghas-sejba tal-htija tal-akkuzat.

Illi ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Illi kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija**

**(Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[3]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[4]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [5]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[6]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[7]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi miktuba bhala referenza hawn isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti f'dik is-sentenza, kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**"[8] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata fl-appell citat jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna):-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned*

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994;
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Frar 1989;
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju 1991;
[8] [1969] 1 QB 276

*Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[9]). (Referenza tal-kawza miktuba aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna).

Jirrizulta li hemm zewg lanjanzi mressqa mill-kwerelanta f'dawn il-proceduri u cioe' dik rigwardanti l-ammont ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (6,988.11c) li l-appellat John Camilleri ttrasferixxa mill-kont bankarju tal-kwerelanta ghal kont bankarju tieghu permezz ta' prokura u l-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000) li l-parti leza tghid li hija ghaddiet lil Antonia Camilleri biex dawn jigu depozitati l-bank peress li kienet tbezzaha li jidhlu jisirquha. In oltre' jirrizulta li l-imputazzjonijiet jirrigwardaw Awissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u ghalhekk apparti li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-elementi li jsawwru r-reati, kellu jigi ppruvat li dan ikun sehh fil-perjodu ta' zmien indikat fl-akkuza.

Dwar il-verzjonijiet moghtija mix-xhieda principali, din il-Qorti tibda billi in succint taghmel referenza ghax-xhieda tal-kwerelanta Katerina Pace moghtija fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) fost fatti ohra spjegat li kellha tletin elf (30,000) mohbija go kexxun taghha biex hadd ma jmisshomla, li Antoinette Camilleri kienet tbezzaha li ghad jidhlu u jehdulha kull ma ghandha. Spjegat li kienet thit u kellha l-annimali u li dejjem terfaghhom ghal meta xi darba tmur go home, ikollha minn fejn thallas. Spjegat li '*hi kienet tbezzghani li ghad jehduhomli u x' naf jiena u imbghad jiena ghidt mela ahjar naghtihomlha u taghmilhomli l-bank. U tajthomla u imbghad wara ftit giet qaltli u kellek 7000 ohra l-bank gbarthomlok mal-ohrajn biex imbghad naghtuk l-imghax taghhom. U l-imghax ma tawhomli qatt.*' Spjegat li '*tajthomla biex taghmilhomli l-bank u hi qaltli imbghad*

[9] (1991) , p. 1392

*ingibulek l-imghax taghhom. Mhux talli ma gabitlix l-imghax imma talli haditli is-7000 l-ohra.'* Dawn is-sebat'elef l-ohra kienu l-bank ta' Haz-Zebbug. Spjegat li '*Imbghad morna niccekkjaw u tal-bank qalilna gie certu Johnny Camilleri u qaxxar kollox. Tieghi u ta' ommu...*' Spjegat li '*ghidtilha erga gibhomli dawk il-flus. Qaltli inti lili ma tajtni xejn. Dawk lil Ganni tajthom. Imbghad jien tlabthom lil Ganni, qalli imma int kellek bzonnhom dawk? Inti kellek bzonnhom? Ghidtlu iva jiena kelli bzonnhom ghalhekk kont nerfaghhom ghal meta nigi bzonnhom. U qatt ma gabhomli. La lilhom u qas kellu jaghtini imghax ta' flus ohra. Qatt ma taghni xejn.*' Dwar jekk setghax imur jigbed mill-bank wiegbet li seta' ghaliex kien ghamlilha karta meta marret taghmel it-testment u qarraq biha, tghid li '*hallieli l-karta li jista jmur jiehu li ghandi*'. Tghid li qatt ma qalet lil Gianni jaghmel uzu mill-prokura, li hu bl-ingann kull ma hadilha. Tghid li l-bank ghal pensjoni kienet tmur iggibha hi. Hija kkonfermat li rrekordjat lil Antoinette u taghmel ukoll allegazzjonijiet dwar il-mod kif sar it-testment ta' ohtha. Tghid li kellha l-funeral ta' ohtha u giet tigri biex taghtiha elf u tmien mija (1800) u tathomla. Tghid li Ganni ma tahiex il-flus lura ghax qalilha li ghadhom ma fethux it-testment u tghid li t-testment kien ghamlu hu ghax ohtha '*ma kintix tajba ghal xejn*.' Dwar jekk saqsietux biex iroddilha l-flus lura u cioe' it-tletin elf (30,000) u s-sebat'elef (7000) wiegbet li '*Ghidtlu iva. Qalli imma inti ghandek bzonnhom dawk? Ghidtlu mela ghandi bzonnhom ghax jiena ghalhekk erfajthom. Biex meta jkolli bzonnhom*'. Tghid li tahseb li hallas id-dejn tal-karozzi, xi hames karozzi li xtara f'erbat'ijiem. Kellha wiehed u disghin (91) sena u hmistax-il gurnata meta xehdet. L-Ispettur Anna Marie Micallef fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjegat fost affarijiet ohra li '*Katrina Pace kienet qaltilna li kienet ghaddiet is-somma ta' 30,000 Euro lil Antonia Camilleri u dan wara insistenza kbira minn Antonia u minn Ganni Camilleri ghall-fatt li kienet qed zzomm dan l-ammont cash id-dar taghha. Niftakar li l-anzjana kienet qaltli li John camilleri li kien membru fil-korp tal-pulizija kien stressjalha l-fatt li jistghu jidhlu fuqha u jisirquha u rnexxielu jikkonvincieha li tghaddilu dawn il-flus u jigu depositati gewwa kont il-bank....*' Spjegat li '*qaltilna wkoll illi konsegwentement kienet taf li kellha 3 accounts ohra l-HSBC li kienu ser jimmaturaw u kienet tat ordnijiet lil dan Ganni Camilleri sabiex kif jimmaturaw dawn it-tliet kontijiet jingbidu jintefghu l-ammont ta' flus ma*

*dawk it-30,000 li kienet talbitu jiddepositalha l-bank sabiex jigu f'account wiehed. Katrina kienet qaltilna wkoll li wara ftit zmien li kienet tat dawn l-istruzzjonijiet lil Ganni kienet mietet ohtha u meta infetah it-tmestment kienu saru jafuli ohtha kienet halliet kollox lil Ganni..'* Spjegat li *'Hi qalet li meta marret il-bank sabet lill-bank manager u kien qalilha li account bi tletin elf (30,000) qatt ma nfetah fuqha u l-ammont ta' 7380 li huma it-tliet accounts li kienu mmaturaw u somma hra kienu ingibdu bil-prokura li kellu John Camilleri f'isimha. Meta saret taf b'dan kollu Katrina kienet ffaccjat lil John u lill-mara tieghu u kienet talbithom li jaghtuha lura it-30,000 u dawk it-7000 li kienu ngibdu fejn hemm hekk Katrina kienet qaltilna li Ganni kien qalilha li jekk ghandna bzonn xi flus jaghtiha imma dak l-ammont kollu ma kellhiex x'tambieh id-dar. Hi baqghet tinsisti li riedet l-ammont kollu f'idejha fejn f'daqqa wahda skond Katrina kienet inbidlet il-verzjoni u bdew jghidulha li 30,000 qatt ma taghthom u dawk is-7000 li ngibdu minn dawk it-tliet kontijiet, kienu ingibdu bi struzzjonijiet taghha fejn skond huma kienu ghall-fatt li kienu qed jassituha bhala servigi...'* Tghid ukoll li qatt ma taghtu struzzjonijiet biex jaghmel uzu mill-prokura ghax kienet ghadha kapaci tmur il-bank u taghmel l-affarijiet li kellha bzonn. L-Ispettur Anne Maria Micallef xehdet darbtejn in kontro-ezami. Fis-seduta tat-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjegat ukoll li *'Ghar-rigward it-tletin elf (30,000), li gejna mitlubin ukoll sabiex naraw. Kien hemm transazzjonijiet ta' hmistax-il elf Ewro (€15,000) u wahda ta' sitta u ghoxrin elf (€26,000) Ewro. Mela dawn it-transazzjoni wara li ergajt iccekkjajt mal-Bank ukoll, il-hamsa u erbghin elf (45,000) kienu ngibdu minn Antonia Camilleri u gew iddepozitati fil-Valletta Money Fund. Wara li gew iddepozitati fil-Valletta Money Fund, fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru, two thousand ten (25/10/2010), minn naha ta' Antonia, fil-wiehed u ghoxrin ta' Marzu (21/03), ghalqet dan il-Valletta Money Fund. Fil-fatt kienet gabret is-somma ta' hmistax-il elf (15,000) u sitta u ghoxrin elf (26,000) ftit wara. Gibdithom mill-kont tal-BOV u ddepozitathom bhala Bankers draft fil-kont tal-HSBC.* ' Meta regghet xehdet l-kwerelanta Katrina Pace fis-seduta tat-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) giet mistoqsija dwar ir-recording u tghid li kienet ghafset l-iswitch, tghid li ma xtratux apposta izda kienet tirrikordja xi diski ghax kienet thobbhom minn fuq ir-radju u fuq it-television izda ma tahsibx li l-apparat ghadu ghandha ghax dejjem tarmi. Meta reghet xehdet il-kwerelanti in kontro-

ezami, din id-darba fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) cahdet li tat prokura fl-elfejn u sitta (2006). Tghid li '*Mort iva imma taghni karta u jien ma kontx naf x'inhi qalli iffirma u jien iffirmajt ghax ma kontx naf x'inhi, dahak bija n-Nutar.*' Xehdet li Antoinette kienet tbezzaha li ghad jidhlu jisirquha u qalet ahjar tatihomla ha taghmilhomla l-bank '*Imbaghad mhux talli tajthomla talli haditli dawk li kelli l-bank qaltli ghamilthomlok maghhom, imbaghad naghtuk l-imghax taghhom, u l-imghaxx qatt ma waslu. Hames snin shah.*' Ikkonfermat li Richard beda jbezzahom minnhom izda ma emnitux. Beda jghidilha '*Oqghod attenta, oqghod attenta ghax dak mohhu tajjeb, ghax dak hekk.*' Richard qatt ma qalilha li dahku biha izda tghid li hi dahlet f'mohha. Mistoqsija '*Mela ar hux qed nifhem li dan Richard dahal fl-istorja u beda jdahhal f'mohhok dawn il-hsibijiet meta rrizulta illi Lisa ghamlet it-testment li ghamlet, naqblu?*' Wiegbet '*Imbaghad jiena mort il-bank ghidt ha mmur nara l-affarijiet, u nsib li jien m'ghandi xejn haduli kollox.*' Marret il-bank '*Ghax il-flus t'ohti lili ma hallietli xejn u ghidt ha mmur nara jien il-flus tieghi fejn qeghdin.*' Dwar li trasferit il-one fifth tal-proprjeta' taghha lil John u lil Antonia, tghid li bi zball, kienet minghaliha li setghet terga tirranga. In ri-ezami kkonfermat li pretendiet li Lisa thalli xi haga. Spjegat ukoll li '*kelli sebat elef il-bank jien ukoll, qaltli gbarthomlok maghhom biex ibaghad naghtuk l-imghaxx taghhom. U l-imghaxx ma waslu qatt hames snin.*' Mistoqsija mill-Qorti '*Kien hemm affarijiet ohra, apparti dawk il-flus li kellek il-bank, id-dar kellek xi flus ohra, xi hag'ohra li kellek id-dar u tellqet sparixxiet?*' wiegbet '*Le li tajt lilha 30,000 u dawk tal-bank.*' Mistoqsija '*Ghalfejn tajthomla t-30,000 imma?*' Wiegbet '*Heqq ghax kienet qed tbezzani li jidhlu jirisquhomli.*' Spjegat li d-deheb tatulhom biex jindukrawhulha mbaghad gabuhulha ghax talbitilulhom. Qatt ma kien rigal id-deheb. Ikkonfermat li baqghet tmur il-bank iggib l-imghax sakemm dahlet il-home. Mistoqsija fil-kontro-ezami ulterjuri ghala ma marritx il-bank bit-tletin elf (30,000) jekk tmur il-bank regolari wiegbet li bezghat ghax ikun hemm hafna nies il-pjazza rgiel li bezghet li jaqbdulha l-basket. Tghid li wahedha kienet tmur izda dakinhar bezghet tiehodhom hi.

Mid-dokument immarkat bhala Dok AM5 a fol 40 jirrizulta li kien hemm zbank ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€6988.11) permezz ta'

prokura a favur John Camilleri u kien hemm ukoll zbank ta' tlett'mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€392.68) ukoll permezz tal-prokura u fejn hemm firma li taqra 'J Camilleri'. Dawn l-ammonti gew migbuda fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Audrey Ghigo fil-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kienet xehdet li transazzjoni datata s-sittax (16) ta' Lulju u cioe' withdrawal ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax il-centezmu (€6988.11) permezz ta' prokura a favur ta' John Camilleri u l-istess transazzjoni datata s-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-ammont ta' tlett'mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (392.68) saret permezz ta' prokura favur xi hadd bin-numru tal-karta tal-identita' 448351(M)[10]. A fol 71 u mmarkat bhala AG2 jirrizulta li l-ammont ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax il-cenezmu (€6,988.11) fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie trasferit f'kont bankarju f'isem 'MR J & MRS A CAMILLERI'.' Meta Audrey Ghigo regghet xehdet fis-seduta tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fost affarijiet ohra xehdet li fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) '*kien hemm fixed deposit account f'isem Katrina Pace bin-numru 04401367011. Dan il-bilanc tieghu gie trasferit fl-account number 044013670050 li huwa s-savings ta' Katrina Pace.*' Audrey Ghigo fis-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet li '*Ghall-istess kont 044013670100 f'isem Ms. Catherine Pace, dawn l-istatements kieu qed jintbaghtu 13 Mula Street Zebbug u ghandi l-istatements li ntbaghtu ghall-kont 044013670101, il-kont f'isem Ms. Catherine Pace, li ntbaghtu lil Catherine Pace fl-indirizz 13 Mula Street Zebbug. Hawnekk ghandi wkoll kopja tal-closing voucher ta' kull kont, ma nafx jekk ghandkomx bzonn li tigi esebita wkoll*'. Spjegat li '*Mela l-101, kien hemm transfer ta' two thousand, three hundred twenty nine euros u 37 cents, il-kont numru 100, kien hemm transfer ta' two thousand three hundred twenty nine euros u 37 cents u l-102 kien hemm transfer ta' two thousand three hundred twenty nine euros u 37 cents*' Spjegat ukoll li '*kelli nikkonferma r-remaining balance fuq il-voucher fejn nikkonferma li remaining balance fuq il-voucher meta xi hadd imur jaghmel*

[10] Dan huwa n-numru tal-karta tal-identita' tal-appellat John Camilleri.

*withdrawal ma tkunx tidher fuq il-voucher, pero' jekk il-klijent ovvjament jitlob ghaliha ahna nnizluhielu'*. A fol 315, 322 u 326 jirrizultaw 'Term deposit full withdrawal advice' datati s-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). John Galea Fraud Manager fl-HSBC xehed fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn spjega li '*it-term deposits li kienu f'isem Katerina Pace gew awtorizzati minn David vella, impjegat. Gew maghluqin minn John Camilleri bil-power of attorney li kien hemm u gew awtorizzati mill-impjegat David Vella. Gejt mistoqsi wkoll l-istatements tal-account number 054 100615001 f'isem min kienu u jien rrispondejt li kienu f'isem John and Antonia Camilleri.*' Spjega li l-ammont ta' tlett mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (392.68) kienu migbudin cash. Spjega li '*Gejt mistoqsi wkoll jekk kienx hemm xi cash deposit f'isem l-account numbers ta' Ilona Camilleri, Kristie Camilleri, Antonia Camillri u John Camilleri u sa Awissu 2010 u Dicembru 2012 u jien rrispondejt li ma keinx hemm. Fl-ittra li baghtet l-Ispettur tas-7 ta' Frar staqsietni jekk kienx hemm xi deposits ta' xi cekkijiet, ammonti li jaqbzu 10,000 Euro u jien rrispondejt li mill-kont ta' John Camilleri u Antonia Camilleri kien hemm tliet deposits, wiehed minnhom kien cekk li rega gie rritornat lura bir-rimarka 'irregularly drawn', gie depositat u gie reversed dakinhar stess. Fit-30 ta' Marzu 2011 gie depositat Bank of Valletta cheque mahrug mill-branch tas-Siggiewi ghal 15,000 Euro. Dan kien datat 25 ta' Marzu u gie depositat fil-kont ta' Mr John and Mrs Antonia Camilleri. Fit-12 ta' April gie depositat cekk iehor tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' 26,000 li kien dated 11th April 2011.*' Xehdu numru ta' impjegati tal-bank HSBC; Carmen Mangion u David Bongailas li kkonfermaw li Katerina Pace kienet tattendi l-bank. Jason Farrugia ukoll impjegat tal-HSBC fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed li t-term deposits inghalaq f'isem Katerina Pace bil-firma ta' John Camilleri. Spjega li '*hawn tliet transazzjonijiet ta' term deposits li huma fixed accounts u hawn transazzjoni ohra fl-istess gurnata li sar transfer minn savings account ta' Katerina Pace ghal go current account f'isem J & A Camilleri*'. Romuld Attard fis-seduta tal-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed dwar zewg 'bills payables' wiehed ta' hmistax il-elf (15,000) u iehor ta' sitta u ghoxrin (26,000) li gew depozitati l-HSBC. L-ordering form tindika li l-

ordering customer kienet Antonia Camilleri taz-zewg bills payables. Prezenta ukoll zewg cheque images kif ukoll tal-ordering forms.

L-Avukat Generali fl-appell tieghu jaghmel referenza ghall-ezistenza tat-tletin elf ewro (€30,000) u f'dan ir-rigward jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Albert Philip Camilleri fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed li meta inbidlu l-flus minn Maltin ghal Ewro sarfilha ammont ta' flus liz-zija Katarina Pace. Jghid li kienet taghtih ftit ftit per ezempju elfejn u hames mija (2500) jew tlett'elef (3000) u kien imur il-bank u jibdilhom minn Maltin ghal Ewro. Jikkalkulha li kien hemm hamsa u tletin elf ewro (€35,000) u dan jahseb li dam xahar u nofs jew xahrejn ghax kien imur darba fil-gimgha qisu. Jahseb li d-dar kienet zzommhom. Xehed li hi tghid li taghat tletin elf (30,000) li huh John Camilleri u cioe' l-imputat. Joseph Camilleri fix-xhieda tad-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) xehed li huha hu l-akkuzat. Spjega li '*Jiena giet Katerina Pace, kien ghall-ahhar ta' Frar 2011 u qaltli 'hudni sal-bank' u ghidtilha 'iva niehdok.' U dhalna l-bank u kien hemm manager mara u qaltilha 'gejt ghall-flus*'. Spjega li dan gara l-HSBC ta' Haz-Zebbug. Spjega li '*l-manager x'hin bdiet taghmel ricerka ghall-flus ma sabet xejn, u l-manager qalet lil Katerina, qaltilha gie certu wiehed John Camilleri, pulizija u gibed il-flus. Qaltilha 'allura ma hallieli xejn?' Jien kont prezenti hemm ghax jiena hadtha liz-zija Katrina hemm hekk u kienet ix-xita ezat ghax il-memorja tieghi tajba. U x'hin qaltilha li gibdilha l-flus, 7000 Euro, qaltilha 'Ma dahlux 30,000 Euro ohra?' Qaltilha 'qas qatt ma dehru hawn hekk dawn it-30,000 Euro*.' Huwa kkonferma li gieli jwassalha hu biex tmur il-bank u meta tkun tiflah tmur hi.

Jirrizulta li filwaqt li l-appellati mhumiex jikkontestaw li l-ammont ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€6988.11) gie trasferit ghal kont bankarju taghhom permezz tal-uzu ta' prokura u dan stante li jghidu li kienet il-kwerelanta stess li riedet taghti dawn il-flus lil John Camilleri ghal dak kollu li ghamel maghha, huma jikkontestaw li ghaddietilhom tletin elf ewro (€30,000) sabiex dawn jitpoggew il-bank u ghalhekk jichdu li qatt ircevew dan l-ammont. L-appellati jghidu ukoll li l-kwerelanta

kienet tat lill-appellata Antonia Camilleri elf u sitt mija (1600) izda mhux tletin elf ewro (€30,000).

Fl-istqarrija rilaxxata minn Antonia Camilleri fis-16 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok AM6 a fol 42 et sequitur fost mistoqsijiet ohra, meta mistoqsija '*Int illum qieghda hawn wara rapport li sar mil-istess anzjana u cioe Katerina Pace fejn din allegat illi wara hafna insistenza minn naha tieghej sabiex ma thalliehx flus id-dar, hija kienet ghaddietlek s-somma ta' €30 000 specifikament sabiex tpogihom l-bank f'isem l-anzjana, u int inqast li tobdi din l-ordni? X'ghandek xi tghid?*' wiegbet '*Dan mhu veru xejn. Katerina kienet darba tahhtni €1600 u qaltli li dawn huma tieghi, kienet taghtomli go tlett pakketti li kienu tat-€10. Jekk mhux sejra zball dawn kienet taghthomli lejn is-sajf tat-2010. Pero €30000 qatt ma taghtni.*' Baqghet issostni li elf u sitt mitt ewro (€1600) kienet taghtha. Spjegat li kienet ddejjqu biex jaqleb il-flus ghax jekk jigrilha xi haga ma riditx taghti lill-ohrajn. Spjegat li Caterina Pace kienet tmur il-bank '*Pero l-flus li riedet ttih kienet qaltlu mur u rranga inti lil Gianni. Kienet qaltlu li dawk il-flus riedet ittihom lil Gianni ghax jekk kienet taghlaq ghajneja u tmut ma riedietx li jispiccaw ghand hutu ghax dejjem lilna kienet qieghda ssib.*' *John* Camilleri fl-istqarrija tieghu tas-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) a fol 47 et sequitur u mmarkata bhala Dok AM7 mistoqsi dwar is-somma ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€6988.11) u li dawn ittiehdu minghajr l-approvazzjoni taghha wiegeb li '*Mhux vera xejn, hi ghamlitni prokuratur minn jeddha minghajr ma kmandajta jien u qaltli sabiex dawk ingibhom u nohodhom jien ghal familja tieghi ghax jiena lilkom biss ghandi kienet tghidli.*' Mistoqsi ghala ma tax il-flus lura wiegeb li '*jien mhux b'€7000 ghamiltilha xoghol imma b'hafna izjed. Barra minn hekk nghid ukoll li hi kemm il-darba qaltli li lil huti kienet taghthom flus sew u anke deheb u qaltli l'aktar li taghat flus kienet lil ohti Mary Grace ghax kienet marret l-Ingilerra maghha, hi u r-ragel taghha u anke sahansitra l-isbah bicca set tad-dehebb kienet taghta.*' Mistoqsi dwar it-tletin elf (€30,000) wiegeb li ma jaf xejn b'dawn il-flus. Dawn l-istqarrrijiet ghalkemm ittiehdu fi zmien fejn suspettati kellhom dritt ikellmu Avukat qabel l-interrogatorju izda ma kellhomx dritt ikollhom Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrija, ma jirrizultax li

l-ammissibilita' taghhom qieghda tigi kkontestata u ghalhekk din hija prova ammissibbli.

L-imputata Antonia Camilleri xehdet fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn fost affarijiet ohra spjegat li meta mietet Elizabeth '*dakinhar wara l-funeral, Richard li jigi r-ragel ta' ohtu kien dahal wara sentejn bhal speci biex jaghtiha l-kondoljanzi u hekk, imbaghad minn hemmekk beda' baqa' jidhol. Dan kien f'Dicembru meta mietet hi, f'xi 28 ta' Dicemebru tat-2010 u f'Jannar, jigifieri sadanittant maz-zija Katarin kien dejjem kollox sew u konna mexjin, ghamilna hames snin ghaddejjin hekk. Imbaghad f'Jannar Katarin, iz-zija Katarin bdiet tghidli, inti gbartu t-testment, ghidtilha ma nafx, jiena irrid nigbor it-testment? Ghidtilha l-ewwelnett jghidu li jdumu ma jibgru t-testment, iridu jhallu xi xahar safejn naf jien u li kien gara jien kont mort darba ohra u sibt illi Richard kien gabar it-testment u kien beda' jitkellem maz-zija Katarin. U f'dan it-testment taz-zija kienet halliet lir-ragel tieghi u kienet halliet lil xi haddiehor jigifieri l-knisja u hekk u ghax iffavoritu lir-ragel tieghi dan beda jghawwi kontrina maz-zija...*' Xehdet ukoll li ghalkemm illum penzjonanta, kienet thiet u qabel kienet tahdem go ufficju u li affarijiet ta' business jinteressawha, gieli ghamlet xi investiment, gieli xtrat xi bicca art.

L-appellata spjegat li '*hi ma kinetx toqghod thallasna talli immorru, xejn, imma darba minnhom lili personali fit-2010 kienet tatni envelope darba u kien fih elf u sitt mija, kienu tlett pakketti tat-tens u kienu marbutin b'hajta u kienet qaltli jiena vera obbligata lejk u dawn hudhom u jien ghidtilha le, ma ghandekx ghalfejn, ghidtilha anke inti tajtna, qaltli imma jien naf li qed taghmel hafna spejjes naf u qaltli dawk irrid naghtihomlok, imbaghad kont hadthom u kienu elf u sitt mija.*' Mistoqsija '*Apparti dan il-hlas ta' elf u sitt mija, kien hemm jew ircevejtu xi hlasijiet ohra jew tatkom xi haga ohra, kien hemm xi haga ohra li setghet tatkom?*' wiegbet '*Tal-qasma ghax meta ghamlu l-qasma bejn, issa mbaghad darba minnhom jien kont qeghda hemmekk u qaltli ha ghandi dan l-envelope u qaltli biex taghtih lil John*'. Spjegat '*John ir-ragel tieghi, u qaltli aghtihulu, qaltli jien ilni biex naghtihulu, qallti imma kull darba jhallih hemmekk u qaltli qed nghidlek hudulu u aghtihulu u mbaghad ghidt mela ha nehodulu u tajtulu jigifieri.*' Xehdet li '*X'hin wasalt id-dar fethu kien fih tlett kontijiet tal-bank, kienu qishom ta' xi two*

*thousand il-wiehed euros u lil John kienet dejjem tghidlu dawn dawwarhom fuqek ghax jien jekk jien nigi nieqsa ma rridhomx li jehduhom l-ohrajn ghax jien dejjem lilkom qed insib*'. Dwar id-deheb tghid li '*kellha d-deheb u kienet qasmitu f'portions bejn ir-ragel tieghi u hutu, kienet urithomli, qaltli ara dawn, qaltli ha nkun qassamtu d-deheb, qaltli dawn aghtihom lit-tfal, huduhom ghat-tfal taghkom jigifieri u kien gabarhom jidhirli John kien gabarhom.*' Tahseb li dan kien fl-istess zmien tal-elf u sitt mija (1600). Xehdet li '*Jien lili qatt ma tatni 30 elf ewro. Hi dejjem pero*' *tirreferi per ezempju ghal dawk it-tlett elef li ghax hi dawk is-sitt elef tal-kontijiet tal-bank hi kienet tghidilhom tlett elef ghax kienu meta poggiethom originarjament kienu tlett elef Maltin allura meta anke kellmitni fuqhom, jien dejjem ghal dawk kont qeghda nirreferi.*' Id-deheb kien inghata lura peress li tfal qalu biex filkas jaghtuhulha lura. In kontro-ezami qalet li l-qasma saret fl-elfejn u sebgha (2007). Fit-testment Lisa halliet lir-ragel taghha bhala eredi universali pero lil huh ukoll hallietlu parti minn xi dar. Mistoqsija '*Issa ara tiftakarx ukoll illi Katarin wara li kienet iddarset f'dak it-testment, kienet ukoll marret il-bank biex tara x'qed jigri bil-flus tal-bank, inti ghandek xi informazzjoni dwar din il-haga?*' wiegbet '*Iva mela jien naf li meta keient grat din il-haga tal-flus tal-bank, wara xi two days kienet tatni l-envelope jew wara gimgha xi haga hekk, kienet qaltli mmalajr iduru ghax ircevejt il-karta mill-bank u fejn ma ghadhomx ghandi imma issa qeghdin fuq l-isem ta' John.*' Ikkonfermat li Katarin marret il-bank wara li nfetah it-testment. Mistoqsija '*Issa l-flus, ha nibda nsaqsik fuq il-flus tal-bank, inti r-raguni ghalfejn Johnny ha l-flus tal-bank, skond inti hawnekk x'inhi?*' wiegbet '*Ghaliex Katarina dejjem kienet tghidlu dawk mur dawwarhom fuq ismek ghax jien jekk nigi nieqsa ma rridhomx jiehduhom l-ohrajn u lili kienet tghidli hekk ukoll.*' Tathomlu '*Ghax dejjem kienet tghidlu lilkom qed insib u mhux bhala hlas*'. Mistoqsija mill-Qorti '*Li ridt insaqsi l-ewwel meta ghidt taghtu tlett kontijiet tal-bank, x'igifieri? Taghtu l-flus ta' go fihom?*' wiegbet '*Ghax il-kontijiet mur dawwarhom fuq ismek*'. Kienet ghamlitlu prokura u kienet ilha li ghamlitilu xi sentejn qabel. Qalet '*infatti dakinhar kienet ghadha hierga mill-isptar u qaltlu kif tkun hemm mur gibli l-pensjoni ghax is-soltu dejjem hi tmur tigbidha imma dakinhhar gibili wkoll.*' Tghid li ghax kienu johorgu gieli flus minn taghhom. Ikkonfermat li Katerina kienet taghmel xoghol tal-hajjata, kienet taghmlu ghal knisja b'xejn, id-damask u hekk u gieli ghamlet xi hjata lin-nies. Tghid li kienet tithallas

bic-cents. Kienet tghid li ma tonfoqiex kolha l-penzjoni. Dwar ir-recording ikkonfermat li huwa l-vuci taghha. Mistoqsija '*X'kont tghidilha meta tghidlek tiffaccjak u tghidlek gibli lura t-tletin elf, x'kienet tkun ir-rispsota tieghek?*' wiegbet '*Jien kont qieghda hemmekk u kont qed naghmel il-facendi taghha, jien ma kontx naf li qed nigi rrekordjata jigifieri xejn imbaghad hi*'. Tghid li '*Jien dejjem qed nifhimha ghat-tlett elef ghax hi dejjem kienet tghidli, it-tlett elef ghax dawk il-flus li kellha l-bank hi originarjament kienu tlett elef alura dejjem kienett ghidli, it-tlett elef, jien ma kontx qeghda wicc imbwicc maghha, hi qeghda titkellem nahhseb kienet fejn il-casette u ma nafx x'gara ghax ma naf xejn fuqha din u jien kont qeghda nahsel l-art l-hemm jigifieri hi kienet preparata u jien ma kontx preparata hi x'ser tghidli u hi dejjem ghalihom jigifieri*'. Mistoqsija '*Xi hadd jghidlek hekk jigifieri int ma kontx thoss il-htiega li tindirizzaha din l-issue u tmur tkellimha fuqhom, tghidilha isma Katarin dawn x'qed issemmi?*' wiegbet '*Jien sakemm jien qaltli biex ma mmurx izjed u imbaghad bdejt nircievi dawn il-karti u hekk, jiena dejjem ghal dawk it-tlett elef kont u xejn izjed ghax jien fuq dawk ftehmt.*' Mistoqsija mill-Qorti '*Mela spjegali din Sinjura, ha naqralek din il-bicca xoghol, mela ktibt lil Ganni u ktibt lilek mhux xorta wahda, le le fuq Ganni qieghed imnizzel ux, allura mela ghid lilu mela, daqshekk hu kollox, jigi hu, jien it-tletin elf f'idejk tajthom. Ma tajthomx f'idejn Ganni imma inti twiegeb, dawn fuq Ganni ma jistax jitnizzlu fuqi, qed tifhem, fuq Ganni. Ganni min hu hawnekk?*' wiegbet '*Ir-ragel tieghi, ghaliex hu kien il-prokuratur taghha, dawk il-kontijiet fuq ir-ragel, jien ma kelliex x'naqsam.*' Il-Qorti kkummentat '*Le imma l-ewwel meta staqsiek inti ghidt li hsibt li tlett elef, issa hawnekk mela cara li fuq it-tletin kienet qed tkellmek.*' Wiegbet '*Le imma hi, jien dak il-hin ma fhimtiex dawk it-tletin elf, jigifieri jien dejjem it-tlett elef zgur zgur zgur. Qatt ma kien hemm tletin elf.*' Mistoqsija mill-Qorti '*Jigifieri hi darba biss semmiethomlok it-tletin elf, meta kien hemm ir-recording, qatt ma regghet semmietlek tletin elf?*' wiegbet '*Le ghax imbaghad hi qaltli tigiex izjed*'. Dwar il-konfront fid-depot '*Hemmhekk iva qalet tletin elf, ghidtilha zgur li le, zgur li qatt ma tajtni tletin elf jigifieri u meta jiena gejt u inti baghat ghalina lanqas biss kont naf x'ha jigri jigifieri dakinhar, sa hemmekk ma kontx ghandi naf.*' Mistoqsija '*imma meta issa tghidlek tletin elf, sar il-konfront, issa taf li qed tghidlek aghtini lura t-tletin elf li int hadtilha tletin elf, x'kienet ir-reazzjoni tieghek?*' wiegbet '*Li qatt ma tatni tletin elf, qatt, qatt ma tatni tletin elf u ghidtha quddiemha stess jigifieri u ghidtilha,*

*ghidtilha tiftakar meta li tatni darba elf u sitt mija u darba tatni l-kontijiet li tajt lil John.*' Mistoqsija kemm il-darba ghamel uzu mill-prokura John wiegbet '*Jien dakinhar li mar gibed il-flus, naf li dakinhar hu gab il-pensjoni ghax kienet ghadha hierga mill-isptar u qaltlu kif tkun hemm gibli l-pensjoni ukoll halli ma noqghodx nohrog u ma nafx jekk forsi uzahiex xi darba ohra, sa hemmekk naf jien.*' Tispjega li '*meta irceviet il-karta qaltilna malajr jghidulek tal-bank, jigifieri qalet kemm lili u anke lil John, ghaliex irceviet il-karta u barra minn hekk tal-bank kollox jafu, ghandhom kollox.*' Xehdet li meta saret id-donazzjoni dawru parti minn zewgt'idjar u parti minn zewg ghelieqi fuq John.

L-appellat John Camilleri xehed fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fost affarijiet ohra spjega li lejn l-ahhar tal-elfejn u hamsa (2005) jekk mhux sejjer zball, iz-zija Catherine u z-zija Liz qalulu li ma ghadhomx ta' wahedhom u stasqsew jekk jistghux jibda jorqod xi hadd minnhom maghhom bil-lejl ghax ma ghadhomx ta' wahedhom. Peress li qeghdin hamest' ahwa qalilhom li jiftehmu u jibdew jorqdu gimgha kull wiehed izda wara li ghamluha gimgha kull wiehed ma marrux izjed hutu u ghalhekk iz-zija Katy u z-zija Liz staqsewh x'se jaghmel. Wara li qal lil mara, t-tfal qalulu biex ma jhallihomx wahedhom iz-zijiet u kompla jorqod hu ghal hames (5) snin u nofs. Il-mara kienet tnadfilhom, taghmillhom il-pinnoli, kienu jigru iljieli u granet gol-isptarijiet mat-tlieta li huma. L-ewwel mietet iz-zija Filippa u ma nqalghux problemi. Spjega li r-ragel ta' ohtu Richard ma kienx ikellem liz-zijiet. Meta mietet iz-zija Liz, Richard beda jidhol id-dar u beda jidhol it-tixwix kontra tieghu. Spjega li Catherine Pace kienet ghamlitu prokuratur bejn wiehed u iehor f'xi elfejn u tmienja (2008) u qabel kellha prokuratur iehor li jahseb li kien Phiip. Dwar is-sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin (6988) xehed li kienet ghadha hierga mill-isptar, kienet ila xi tlett'ijiem jew gimgha li harget mill-isptar, qaltlu li ma tiflahx titla' llum l-bank mid-dar taghha. Kienet qaltlu '*ghandek ic-cekk tal-pensjoni gibli l-pensjoni, qaltli u dawk il-flus hudhom inti, dawwarhom fuqek, dawk il-flus li ghandi ghax ma rrid inhalli lil hadd xejn izjed.*' Mistoqsija x'ghamlet Catherine wiegeb li '*Tatni l-kotba tal-bank, il-karti, kienu go envelope, kienu ilhom hemm xi gimgha fuq il-mejda,*' Spjega li '*Dawk il-kotba dawk kienu hemm imbaghad kienet tathom lil Antoinette u Antoinette tathomli, qaltli gibilha l-pensjoni*'. Jghid li

Catherine kienet qaltlu qabel u kienet halliet envelope bil-karti tal-bank fuq il-mejda. Kienet qaltlu kemm il-darba li riedet taghtih dawk il-flus. Xehed dwar id-deheb li qaltlu biex jiehodha u jaghtiha lit-tfal. Fl-elfejn u disgha (2009) Catherine qaltlu li trid tibdel it-testment. It-testment sar lejn l-ahhar kwart tal-elfejn u disgha (2009) u jiftakar li z-zija Lizi mietet fl-elfejn u ghaxra (2010). Xi sitt (6) xhur wara l-elfejn u ghaxra (2010) qaltlu li trid taghmilhom donation biex isserrah mohha ghax lilhom kienet issib jigru maghhom gol-isptarijiet u jiehdu hsiebhom u baqa jiehu hsieb id-dar. Meta mistoqsi dwar kienx qaleb flus minn Maltin ghal Ewro ghal kwerelanta qal li hu xi tlieta (3) jew erbat'elf Maltin kellu. Spjega li kienet taghti xi haga kull wiehed ibidluhomla, li anke lil Philip tat.

Il-kaxxa tad-deheb tahulha lura meta talbitu. Is-sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro (€6988) hass moralment li ma ghandux jaghtihom wara dak ix-xoghol. Hi tathomlu bil-buona grazzja taghha u kienet kuntenta u riedet titla s-sema tant kemm kienet kuntenta. Qalilha li dawk ser izommom u qaltu orrajt li issa tara hutu xi jghidu u wara dan sab il-bieb maghluq u qaltlu biex ma jigix izjed. Huwa kkonferma l-istatement, jghid li l-Ispettur kellmitu tlett daarbiet u ma hassux komdu peress li l-ewwel u t-tieni darba kien hemm surgent prezenti xhud tal-istatement li ma kienx jitkellem mieghu. In kontro-ezami fost affarijiet ohra mistoqsi dwar hutu, ikkonferma li wara l-mewt taz-zija Liza marru ghand in-Nutara biex jaghmlu r-ricerki u biex jaraw x'gara u n-Nutara liz-zija Cathy qaltilha '*int taf x'ghamilt.*' Il-'one fifth' kien akkwistahom b'kuntratt ta' donazzjoni. Mistoqsi dwar ir-recordings ikkonferma li hemm il-vucijiet tal-mara tieghu u taz-zija. Mistoqsi semax cifra ta' tletin elf ewro (€30,000) wiegeb '*Smajt xi haga imma hemm it-tgerfix fih ukoll, ma stajtx naqbad art sewwa.*' Mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar ir-recordings, wiegeb '*Ma nista' nghid xejn. Li qalet z-zija Cathy qeghda titfixkel, semmiet tletin elf u qeghda titfixkel ma' li tat lill-mara ghax lill-mara tatha tlett pakketti ta' elf u sitt mija kollha ghaxriet, kienu go envelope ta' tlett pakketti u disa' u disghin fil-mija ghal dawk qeghda tirreferi Cathy.*' Jghid li Cathy qasmet kemm il-darba flus. Ma jafx li kellha dawk il-flus. Jghid li darba jiftakar li gabet dawk li qal, xi elf u sitt mija

(1600). Mistoqsi jeskludiex li qatt giet is-somma ta' tletin elf ewro wiegeb '*Tletin elf ma smajtha qatt jien. Ma qaltliex.*' Jghid li '*Kieku taghtna kont nghidlek taghtna tletin elf imma qatt ma taghthomna.*' Huwa cahad li qatt bezzawha dwar serq, mistoqsi ghala ma kienx dispost li jaghtiha lura r-raba wiegeb li '*Jekk riedet tatihulha*' u d-deheb tahulha ghax taghtu lit-tfal u qalulu biex jaghtihulha. Huwa kkonferma li l-akbar inkwiet inqala' wara li mietet iz-zija Liza izda kien ilu gej l-inkwiet.

Jirrizulta a fol 432 immarkata bhala Dok JC1 li fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) saret skrittura fejn Catherina Pace u hutha Elizabeth u Filippa Pace kienu ddikjaraw li ghandhom bejniethom is-somma ta' hmistax-il elf lira u li qeghdin jiddepositaw din is-somma lill hamest ahwa Camilleri u cioe' tlett'elef Maltin (LM3000) kull wiehed u wahda. Skont din l-iskrittura dawn id-depsiti ghandhom isiru fil-fergha tal-HSBC Bank (Malta) ta' Haz-Zebbug u d-depoziti jibqghu in vigore sakemm l-ahwa Pace jibqghu hajjien u wara li jmutu t-tlieta, l-istess depositu jsir proprjeta assoluta tal-imsemmija ahwa camilleri. Tnizzel li kull sena kull wiehed mill-ahwa Camilleri irid ihallas lil Catherine Pace u hutha bejneithom s-somma ghal darba wahda biss ta' wiehed u hamsin lira (LM51) bhala imghax. L-ahwa Camilleri fuq din l-iskrittura kienu promettew u obbligaw ruhhom li jiehdu hsieb u jaghmelu l-bzonnijiet li jkollhom l-istess ahwa Pace anke jekk ikun hemm bzonn li jonqfu mill-flus fuq immsemmija, pero ma jkunu x responsabbli jekk fuq ordni tat-toba tal-istess ahwa Pace kollhom jigu rikoverat f'xi sptar jew istituzzjoni ohra.

Xehed anke il-Maggur John Borg fis-seduta tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) dwar rapport li sar fejn l-appellat John Camilleri kien qallu li sar jaf minghand iz-zija li meta ohtu Marygrace u r-ragel taghha Richard imorru ghandha, jghidulha certu diskors u qallu li xtaqet taghmel raport u kien mar ghand Katerina Pace li qalet li ma trid xejn hlief li tkellimhom biex ma joqghodux jghidulha fuq in-neputi l-iehor ghax tinkwieta.

In-Nutar Jurgen Galea fis-seduta tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) prezenta causa mortis, donazzjoni, divizjoni u donazzjoni u cioe' att pubbliku tal-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Meta in-Nutar Jurgen Galea xehed fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjega li d-donazzjoni bhal ohrajn, ma hemm xejn li jiftakar jew eccezzjonali li baqa jiftakar dwaru. Spjega li kien sodisfatt bil-kapacita mentali taghha minghajr ic-certifikat, jigifieri ahseb u ara bic-certifikat li jiccertifika li tista' taghmel testment. Huwa kkonferma li l-preparamenti kollha ghal dan il-kuntratt jigifieri tad-donazzjoni saru mill-imputati John Camilleri u Antonia Camilleri. In-Nutar Mariella Mizzi fl-istess seduta tal-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) spjegat li wara li kienet saret id-donazzjoni li kien ghamel Dr. Galea, kienet giet u riedet taghmel testment jigifieri ghax qaltu riduha li thalli l-istess proprjeta' li halliet b'donazzjoni lil neputijiet l-ohrajn. Spjegat li '*bdiet tikbi u qaltli kif ha naghmel, kif ha naghmel qaltli ghax jien ma ghedtilhomx li ghamilt donazzjoni u qaltli u bhal speci ma rridhomx irridu jkunu jafu u kif ha naghmel u hekk u jien ghedtilha hadd ma jista jgeghelek taghmel testment u qaltli jien marridx nghidilhom jien u ghedtilha naghidlek x taghmel ohrog u ghidilhom in nutar qalli li fis sitwazzjoni ma nistax naghmel testment*.' Xi hadd min neputijiet kienu staqsehwa sarx xi donazzjoni jew kuntratt u ma hassietx li kellha tkun hi li tghidilhom u ssugerietilhom li jaghmlu ricerka u ghamlitlhom hi. Hija kkonfermat li Katarin kienet taf li ghamlet donazzjoni izda ma riditx tghid li ghamlitu. Hi ma ppublikatx il-kuntratt, tghid li kienet fl-ufficju tieghu u kienet tmur tkellimhom, tghid li n-Nutar kien qieghed jispjegalha il-kuntratt kelma b'kelma. Tghid li kien qieghed jispjegala affarijiet ta' donazzjoni. Dr Anthony Dimech fix-xhieda tieghu moghtija fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega li ezamina lil kwerelanta ukoll ricentement fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) u li ma sab xejn li jindika li Katerina Pace tbaghti minn xi kundizzjoni mentali li taffetwalha l-kapacita taghha li tikkoncentra jew taghmel id-decizjonijiet taghha.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk il-Qorti setghetx legalment u ragonevolment tillibera lill-imputati mill-akkuzi migjuba kontra taghhom. Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tqis jekk giex ippruvat li t-trasferiment tal-ammont ta' sitt'elf, disa' mija u tmienja u tmenin u hdax-il centezmu (€6,988.11) mill-kont bankarju tal-kwerelanta ghal kont bankarju tal-appellati permezz tal-uzu tal-prokura minn l-appellat John Camilleri kienx rizultat ta' approprjazzjoni indebita jew frodi. Katerina Pace spjegat li '*hi kienet tbezzghani li ghad jehduhomli u x' naf jiena u imbghad jiena ghidt mela ahjar naghtihomlha u taghmilhomli l-bank. U tajthomla u imbghad wara ftit giet qaltli u kellek 7000 ohra l-bank gbarthomlok mal-ohrajn biex imbghad naghtuk l-imghax taghhom. U l-imghax ma tawhomli qatt.*' Spjegat li '*tajthomla biex taghmilhomli l-bank u hi qaltli imbghad ingibulek l-imghax taghhom. Mhux talli ma gabitlix l-imghax imma talli haditli is-7000 l-ohra.*' Dawn is-sebat'elef l-ohra kienu l-bank ta' Haz-Zebbug. Spjegat li '*Imbghad morna niccekkjaw u tal-bank qalilna gie certu Johnny Camilleri u qaxxar kollox. Tieghi u ta' ommu...*' Minn naha l-ohra l-appellati jghidu li kienet Katerina Pace stess li riedet taghti is-sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€6,988.11) lill-appellat John Camilleri ghal dak kollu li kienu jaghmlu maghha. John Camilleri jispjega li meta talbithomlu lura huwa hass li ma kellux jaghtihomla lura peress li hi riedet tatihomlu u li hu kien ghamlilha xoghol fid-dar aktar minn dak l-ammont. Antonia Camilleri spjegat ukoll li dak in-nhar partikolari li sehh it-trasferiment tal-flus, peress li l-kwerelanta kienet ghada hierga mill-isptar talbithom li jgibulha ukoll il-pensjoni. L-appellata Antoni Camilleri mistoqsija in kontro-ezami '*Issa l-flus, ha nibda nsaqsik fuq il-flus tal-bank, inti r-raguni ghalfejn Johnny ha l-flus tal-bank, skond inti hawnekk x'inhi?*' wiegbet '*Ghaliex Katarina dejjem kienet tghidlu dawk mur dawwarhom fuq ismek ghax jien jekk nigi nieqsa ma rridhomx jiehduhom l-ohrajn u lili kienet tghidli hekk ukoll.*' Mill-provi fosthom mid-dokument immarkat bhala Dok AM5 a fol 40 jirrizulta li kien hemm trasferiment ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax il-centezmu (€6988.11) permezz ta' prokura a favur John Camilleri u kien hemm ukoll zbank ta' tlett mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€392.68) ukoll permezz ta' din il-prokura u fejn hemm firma li taqra 'J Camilleri'. Dawn sehhew fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Irrizulta li kien l-appellat John

Camilleri li trasferixxa dan l-ammont ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax il-centezmu (€6988.11) f'ismu u f'isem martu l-appellata. Irrizulta ukoll li l-kwerelanta kienet normalment tkun hi li tmur issarraf u tigbor il-pensjoni mill-bank u dan kemm qabel ma sar it-trasferiment u anke wara. Dawn id-depoziti kienu ghadhom ma mmaturawx. Ma jirrizultax li l-pensjoni kienet ukoll giet trasferita fil-kont bankarju tal-appellati izda kienet giet zbankata. Ghalkemm Pace fix-xhieda taghha taghti x'tifhem li l-prokura saret ad'insaputa taghha fis-sens li ma kinitx taf x'inhi tiffirma, din il-Qorti ma tqis li giet sufficentement ippruvata. Jirrizulta car li l-prokura inghatat meta l-appellat John Camilleri kien ghadu jgawdi l-fiducja ta' Pace. Fil-prokura a fol 72 u senjatament a fol 74 gie dikjarat li giet spjegata l-importanza u l-konsegwenza ta' din il-prokura. Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal kunsiderazzjoni maghmulha fis-sentenza appellata u cioe':

' *8. Iktar u iktar jigi kkonfermat kemm kienet kapaci tiehu hsieb hwejjigha meta jitqies li baqghet tiffrekwenta l-bank hi stess, tant li <u>l-unika darba mill-2006</u> (data meta inghata l-prokura) li Ganni ghamel uzu mill-prokura moghtija lilu kien fl-2010 meta skond hu hekk gie awtorizzat jaghmel minnha. <u>Dan il-fatt fih innifsu hu indikattiv u jimmilita versu l-verzjoni tal-imputat li hu dawwar l- flus ghal fuqu meta qaltlu jaghmel dan zitu u qatt ma uza l-prokura ghal xi haga ohra.</u>*

*Wara kollox kienet hi li kienet tmur tigbed l-imghaxxijiet hekk kif kienet hi li kienet tmur issarraf il-pensjoni.*[11] *Dan jixhdu David Bongailas "Dawn it-transazzjonijiet saru meta jien kont bhala kaxxier gewwa Haz Zebbug. Kienet giet din il-persuna...Catherine Pace. u giet tigbed mill-kont taghha. it-transazzjonijiet ghaddejthom bis-sistema tieghi. Is-sinjura kienet tigi bl-ID card u kont nidentifikaha u jiena kont naqdieha ghal dak li kienet tistaqsini."*[12] *filwaqt li John Galea*

---

[11] Fol.225 (Din in-nota tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u tmienja u tmenin (188) tas-sentenza appellata)

[12] Fol.171 fejn ix-xhud jaghmel riferenza ghad-**Dok.JG2** a fol.141-152 (Din in-nota tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u disgha u tmenin (189) tas-sentenza appellata)

*jixhed "normalment jaqdi lil Ms Pace u jien sibt li kien hemm diversi nies biss l- iktar wiehed li kien qdieha kien David Paul Bongailas u infatti ghandi xi dokumenti hawn hekk u l-istess dan l-ahhar inqdiet minghand certu wahda Ms Carmen Pisani".*[13]

*Possibbli li l-imputat kien ser jiehu riskju jiehu xi flus minn wara daharha meta kien jaf li din minn hin ghall-iehor setghet tmur ticcekkja l-bank, kemm jekk waheda jew ma xi neputi iehor kif fil- fatt gara?'*

Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti fejn qieset li:

*'9. Finalment gie ppruvat li d-donazzjoni saret bil-konsapevolezza pjena taghha, izda aktar rilevanti minn dan dik id-donazzjoni saret biss hdax il-jum qabel ma ngibdu l-flus mill-Fixed Term Deposit Accounts. F'dik id-donazzjoni l-imputat inghata art li tiswa €34,000*[14]*.* ***Difficli jitwemmen li filwaqt li din irregalatu bi propjeta` b'kemm jiswew €34,000 kellu ghalfejn idawwar ghall- fuqu, bil-mohbi ta' zitu, somma relattivament zghira ta' €6,988.11c u jesponi lilu ghall-proceduri penali bir-riskju li jitlef il-fiducja taghha, fiducja li sa dak iz-zmien kien ovvju li kien ghadu jgawdi!*** *Dan meta kien konxxju tal-fatt li zitu tiffrekwenta l-bank liberament u appena tistaqsi, kif effettivament gara, kienet ser ssir taf li dawn ingibdu minnu permezz tal-prokura!!'*

Din il-Qorti ghalhekk ma ssib xejn x'tiddisturba fil-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti dwar is-somma ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (6,988.11) fejn kollox jindika li wara li Pace trasferiet sehem ta' diversi artijiet permezz ta' donazzjoni favur l-appellat John Camilleri, riedet li jigri l-istess bis-sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€6,988.11) li kienu mizmuma go kontijiet bankarji taghha. Filfatt a fol 315, 322 u 326 jirrizultaw 'Term deposit full withdrawal

---

[13] Fol.131-132 (Din in-nota tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u disghin (190) tas-sentenza appellata)

[14] Fol.484. (Din in-nota tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u wiehed u disghin (191) tas-sentenza appellata)

advice' datati s-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) li jindikaw l-ammonti li gew trasferiti u li din il-Qorti qieghda tifhem li ntbaghtu lil kwerelenta. Relatat ma' dan jirrizulta li Antonia Camilleri tghid li l-kwerelanta kienet qaltilha li rceviet il-karti li jikkonfermaw li gew trasferiti l-flus. Hi xehdet li '*wara xi two days kienet tatni l-envelope jew wara gimgha xi haga hekk, kienet qaltli mmalajr iduru ghax ircevejt il-karta mill-bank u fejn ma ghadhomx ghandi imma issa qeghdin fuq l-isem ta' John.*' Ghalhekk din il-Qorti ma tqis li gie sufficentement ippruvat li dawn is-sommom gew trasferiti ghal kontijiet bankarji tal-appellati rizultat ta' approprjazzjoni indebita jew bi frodi.

Dwar l-ammont ta' mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€392.68) li ngibed fl-istess gurnata u cioe' fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) din il-Qorti tqis li li kieku John Camilleri gibed dan il-paament ghalieh kien jitrasferieh ukoll lejn il-kont taghhom u ghalhekk din il-Qorti ma ssibx raguni ghala ma ghandhiex temmen lill-appellati li s-somma ta' tlett mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€392.68) kienet il-pensjoni li ngibdet fuq talba tal-kwerelanta u li nghatat lil kwerelanta.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tqis dak li jirrigwarda s-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) li Pace tallega li ghaddiet lil Antonia Camilleri fi flus kontanti biex jigu depozitati fil-kont bankarju ta' Pace stess. Katerina Pace spjegat li Antoinette Camilleri '*kienet tbezzghani li ghad jehduhomli u x' naf jiena u imbghad jiena ghidt mela ahjar naghtihomlha u taghmilhomli l-bank. U tajthomla u imbghad wara ftit gie qaltli u kellek 7000 ohra l-bank gbarthomlok mal-ohrajn biex imbghad naghtuk l-imghax taghhom. U l-imghax ma tawhomli qatt.*' In ri-ezami f'seduta ohra spjegat li '*kelli sebat elef il-bank jien ukoll, qatli gbarthomlok maghhom biex ibaghad naghtuk l-imghaxx taghhom. U l-imghaxx ma waslu qatt hames snin.*' Prova krucjali huma r-recordings prezentati fejn hemm diskursati bejn l-kwerelanta u l-appellata Antonia Camilleri. It-traskrizzjoni tat-tlett recordings gew ipprezentati minn Dr Yanica Camilleri. Fost kliem iehor f'Track 1 jirrizulta:

*'Mara 2; Meta se mmorru ghand in-Nutar halli ttini dak li sraqtli?*

*Mara: Jiena lili jiena lili m' ghandekx x'taqsam lili ma hallejtli xejn jien min jiena imnizzla min imkien u lili toq toqoghodx dan jiena li jghidulek l-ohrajn tigi taqbad mieghi jiena m'ghandix x'naqsam'*

Intqal ukoll:

*'Mara 2: Jigi hu.... **<u>jiena t-tletin elf f'idejk tajthom</u>** ma tajthomx f'idejn Gianni*

*Mara: Imma ghidtlek ghidtlek **dawn fuq Gianni ma jistghux jitnizzlu fuqi qed tifhem fuq Gianni tnizzlu u ma tnizlux fuqi***

*Mara 2: Allura*

*Mara: Tista tmur ticcekja l-bank jien m'ghandix xejn m'ghandix fuqi hekk'*

F'Track 2 fost kliem iehor, intqal:

*'Mara 2: Meta bi hsiebek iggibli dawk il-flus*

*Mara: Jien m'ghandix x'naqsam jien m'ghandix flus jiena fuq ismi jew hekk imma qed tifhem*

*Mara 2: Imma jien f'idejk tajthom*

*Mara: Imma jiena jiena mhux fuq*

*Mara 2: Ara x'ghamilt bihom mela*

*Mara: Inti meta tajthomli ghidtlek mela dawn ghal Gianni ha jkunu issa jien ghal Gianni jigifieri jekk huma fuq Gianni fuq Gianni qeghdin*

*Mara 2: Mela ghidlu jgibhom*

*Mara: Heq daqshekk hu kollu'*

Filwaqt li fi 'track 3' tnizzel fost kliem iehor li:

*'Mara: Meta bi hsiebkhom tohduni ghand in-Nutar u ttuni dawk li sraqtuli*

*Mara 2: Jiena lili issemmili xejn fuq dawn l-affarijiet*

*Mara: Le*

*Mara 2: Le jien m'ghandix x'naqsam*

*Mara: Prosit*

*Mara 2: Dak tkellima kemm il-darba u inti taf li inti tajthomna u li ghamilt*

*Mara: Imma jiena ma tajt... (ma jinfthemx)*

*Mara 2: Tajtomna tajtoma u daqshekk hu kollox jigifieri inutili*

*Mara: Mela jien tajtomlok ghalik*

*Mara 2: Mhux lili tajtom biex intihom lil Gianni*

*Mara: Tajtom lilek*

*Mara 2: Biex ittihom lil Gianni*

*Mara: Ghamilt li ridt*

*Mara 2: Le le mhux ghamilt li ridt kif kien miftiehem*

*Mara: Ma qabbadekx itihom lil Gianni*

*Mara 2: <u>Mela xieni mela mhux gianni prokuratur ma nistax inzhommom jien</u>*

*Mara: <u>Allura stajt ma tajtux prokuratur u taghmilhomli l- bank ehh</u>*

*Mara 2: Le, ee*

*Mara: Le missek ghidli imxi mela ha taghmilhom fuqha*

*Mara 2: Inti inti jigifieri inti ghidtli li xorta hekk jew b'hekk ghalikhom*

*Mara: Iva dejjem hekk ha tibqa tghid*

*Mara 2 Ghax il-verita nghid*

*Mara: U jien nibda nghid li dawk ghidtlek mhux ghalikhom*

*Mara 2: Le*

*Mara: Hekk ghidtlek jien*

*Mara 2 : Inti stess inti stess gibthom inti stess gibthom xi hadd qallek biex iggibhom inti stess ghidtli Madam lestejhom inti*

*Mara: Ehh <u>kien ilek tghidli gibhom ha naghmilham il-bank ghax</u>*

*Mara 2: Le jien*

*Mara: <u>ghax jidhlu hawn jisirquomli</u>*

*Mara 2: Jien*

*Mara: Hekk ghidli*

*Mara 2: Jien qas qatt ma ghidtlek xejn.'*

Intqal ukoll:

*'Mara: <u>Hekk ghidtli int kemm il-darba biex intihomlok ghidtlek fl-ahhar ha mela</u>*

*Mara 2: Ehh il-flus sbieh. jew il-flus sbieh*

*Mara: <u>Ghidtli dawn hekk jew b'hekk ghalikhom</u>*

*Mara 2: Ghidtlek dak met dawk mhux ghalikhom*

*Mara: Dak imma wara li ghadda z-zmien ghaddew xi sena u nofs'*

L-appellati gew mistoqsija dwar dak li ntqal f'dawn ir-recordings. Antonia Camilleri in kontro-ezami xehdet li '*Jien lili qatt ma tatni 30 elf ewro. Hi dejjem pero' tirreferi per ezempju ghal dawk it-tlett elef li ghax hi dawk is-sitt elef tal-kontijiet tal-bank hi kienet tghidilhom tlett elef ghax kienu meta poggiethom originarjament kienu tlett elef Maltin allura meta anke kellmitni fuqhom, jien dejjem ghal dawk kont qeghda nirreferi.*' In kontro-ezami kienet ikkonfermat il-vuci taghha fir-recording. Mistoqsija '*X'kont tghidilha meta tghidlek tiffaccjak u tghidlek gibli lura t-tletin elf, x'kienet tkun ir-risposta tieghek?*' wiegbet '*Jien kont qieghda hemmekk u kont qed naghmel il-facendi taghha, jien ma kontx naf li qed nigi rrekordjata jigifieri xejn imbaghad hi*'. Tghid li '*Jien dejjem qed nifhimha ghat-tlett elef ghax hi dejjem kienet tghidli tlet elef ghax dawk il-flus li kellha l-bank hi originarjament kien tlett elef alura dejjem kienet tghidli, it-tlett elef, jien ma kontx qeghda wicc imbwicc maghha, hi qeghda titkellem nahseb kienet fejn il-casette u ma nafx x'gara ghax ma naf xejn fuqha din u jien kont qeghda nahseb l-art l-hemm jigifieri hi kienet preparata u jien ma kontx preparata hi x'ser tghidli u hi dejjem ghalihom jigifieri*'. Mistoqsija '*Xi hadd jghidlek hekk jigifieri int ma kontx thoss il-htiega li tindirizzaha din l-issue u tmur tkellimha fuqhom, tghidilha isma Katarin dawn x'qed issemmi?*' wiegbet '*Jien sakemm jien qaltli biex ma mmurx izjed u imbaghad bdejt nircievi dawn il-karti u hekk, jiena dejjem ghal dawk it-tlett elef kont u xejn izjed ghax jien fuq dawk ftehmt.*' Mistoqsija mill-Qorti '*Mela spjegali din Sinjura, ha naqralek din il-bicca xoghol, mela ktibt lil Ganni u ktibt lilek mhux xorta wahda, le le fuq Ganni qieghed imnizzel ux, allura mela ghid lilu mela, daqshekk hu kollox, jigi hu, jien it-tletin elf f'idejk tajthom. ma tajthomx f'idejn Ganni imma inti twiegeb, dawn fuq Ganni ma jistax jitnizzlu fuqi, qed tifhem, fuq Ganni. Ganni min hu hawnekk?*' wiegbet '*Ir-ragel tieghi, ghaliex hu kien il-prokuratur taghha, dawk il-kontijiet fuq ir-ragel, jien ma kelliex x'naqsam.*' Il-Qorti kkummentat '*Le imma l-ewwel meta staqsiek inti ghidt li hsibt li tlett elef, issa hawnekk mela cara li fuq it-tletin kienet qed tkellmek.*' Wiegbet '*Le imma hi, jien dak il-hin ma fhimtiex dawk it-tletin elf, jigifieri jien dejjem it-tlett elef zgur zgur zgur. qatt ma kien hemm tletin elf.*' Mistoqsija mill-Qorti '*Jigifieri hi darba biss semmiethomlok it-tletin elf, meta kien hemm ir-recording, qatt ma regghet semmietlek tletin elf?*' wiegbet '*Le ghax imbaghad hi qaltli tigiex izjed*'. Dwar il-konfront li sar fid-depot

'*Hemmhekk iva qalet tletin elf, ghidtilha zgur li le, zgur li qatt ma tajtni tletin elf jigifieri u meta jiena gejt u inti baghat ghalina lanqas biss kont naf x'ha jigri jigifieri dakinhar, sa hemmekk ma kontx ghandi naf.*' Mistoqsija '*imma meta issa tghidlek tletin elf, sar il-konfront, issa taf li qed tghidlek aghtini lura t-tletin elf li int hadtilha tletin elf, xkienet ir-reazzjoni tieghek?*' wiegbet '*Li qatt ma tatni tletin elf, qatt, qatt ma tatni tletin elf u ghidtha quddiemha stess jigifieri u ghidtilha, ghidtilha tiftakar meta li tatni darba elf u sitt mija u darba tatni l-kontijiet li tajt lil John.*'

Ghalhekk jirrizulta li meta Antonia Camilleri giet mistoqsija dwar it-tletin elf (30,000) fir-recording twiegeb li qaltilha li dawk ghal Ganni u mistoqsija biex tispjega dan fix-xhieda taghha wiegbet li hasbet li qieghda tirreferi ghat-tlett'elef Maltin (LM3000) li kien hemm il-bank stante li meta originarjament Katerina Pace kienet ddepozitat il-flus il-bank, kienet iddepozitat tlett'elef Maltin (LM3,000). Din il-Qorti hija tal-fehma li huwa car li l-kwerelanta kienet qieghda tirreferi ghal tletin elf u mhux tlett'elef fl-ewwel track u in oltre huwa car ukoll li kienet qieghda titkellem dwar flus kontanti u mhux dwar kontijiet bankarji. Jirrizulta li ghalkemm Antonia Camilleri tghid li qeghdin fuq isem Gianni, jekk din kienet qiegha tirreferi ghall-ammonti trasferiti mill-kontijiet bankarji tal-kwerelanta, jirrizulta li John Camilleri ttrasferihom fil-kont bankarju intestat f'ismu u f'isem Antonia Camilleri stess. In oltre' jekk verament l-appellata Antonia Camilleri fehmet li Pace kienet qieghda tirreferi ghal kontijiet bankarji, stante li huma jargumentaw li dan kien a beneficcju ta' John Camilleri ghax-xoghol li ghamel ma kienx hemm raguni ghala fir-recording tinstema tghid li '*Mela xieni mela mhux gianni prokuratur ma nistax inzhommom jien*'' Fl-istess hin, hemm possibilita' li l-appellata semmiet il-fatt li Gianni huwa prokuratur peress li huwa biss setgha jitrasferixxi dawn il-flus mill-kont bankarju tal-kwerelanta permezz tal-prokura. L-appellat John Camilleri ghalkemm ma kienx irrekordjat mill-kwerelanta, gie ukoll mistoqsi dwar ir-recording fejn tinstema martu l-ko-imputata jekk semax cifra ta' tletin elf ewro u wiegeb '*Smajt xi haga imma hemm it-tgerfix fih ukoll, ma stajtx naqbad art sewwa.*' Mistoqsi x'ghandu xi jghid dwar ir-recordings, wiegeb '*Ma nista' nghid xejn. Li qalet z-zija Cathy qeghda titfixkel,*

*semmiet tletin elf u qeghda titfixkel ma' li tat lill-mara ghax lill-mara tatha tlett pakketti ta' elf u sitt mija kollha ghaxriet, kienu go envelope ta' tlett pakketti u disa' u disghin fil-mija ghal dawk qeghda tirreferi Cathy.*' Ghalhekk hawnhekk l-appellat John Camillleri qieghed jaghti spjegazzjoni ohra ghal meta l-ko-imputata wiegbet dwar it-tletin elf ewro (€30,000). Din il-Qorti tqis l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-appellati dwar dak li hemm fir-recordings bhala konfuzjonarju.

Dwar dan, l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li:

'*Anke jekk il-Qorti kellha ma tistriehx fuq l-ispjegazzjoni li taghti Antonia u cioe` li din fehmet li Pace kienet qed tirreferi ghat-LM3,000 li kienu fil-kontijiet bankarji (u cioe` is-€6,988), u dan in vista li din taghzel li ssemmi li l-flus inghataw lil Ganni fil-vesti tieghu ta' prokuratur "Tajtomna tajtomna u daqshekk....lili tajthom biex intihom lil Ganni...kif kien miftiehem...<u>mhux Ganni prokuratur ma nistax **inzommhom** jien</u>"*[15] *- bla dubbju dikjarazzjoni li ma taghmel l-ebda sens galadarba qed jinghad li dawn inghataw lilu b'kumpens – xorta jibqa' l-fatt li ma giex soddisfacentement <u>ppruvat jekk u f'liema zmien</u> inghatat lilhom din is-somma !*

*2. Jibqa' l-fatt li l-uniku prova indizzjarja li l-imputati f'xi zmien gew fil-pussess tas-somma riklamata, hi it-trasferiment mill-kont tal- imputata li kellha mal-Valletta Money Fund ghal dak kongunt ma' zewgha ta' zewg depoziti fl-ammont ta' €41,000 li saru f'Ottubru, 2010 u f'April, 2011. L-ispettur xehdet "Mela dawn it-transazzjoni wara li ergajt iccekkjajt mal-Bank ukoll, il-hamsa u erbghin elf (45,000) kienu ngibdu minn Antonia Camilleri u <u>gew iddepozitati</u> fil-Valletta Money Fund. Wara li gew iddepozitati fil-Valletta Money Fund, <u>fil-hamsa u ghoxrin ta' Ottubru, two thousand ten</u> (25/10/2010), minn naha ta' Antonia, fil-wiehed u ghoxrin ta' Marzu (21/03) [ghalhekk issa qeghdin fis-sena 2011] - ghalqet dan il-Valletta Money Fund. Fil-fatt kienet gabret is-somma ta' hmistax-il elf (15,000) u sitta u ghoxrin elf (26,000) ftit wara. Gibdithom mill-kont tal-BOV u ddepozitathom bhala Bankers draft fil- kont tal-HSBC. Issa,*

---

[15] Fol.196 (Din in-nota tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u wiehed u tmenin (181) tas-sentenza appellata)

*nista nesebixxi wkoll l-istatement li gie riprodott lili minn naha tal-Bank of Valletta.* ***Li kien hemm f' dan l-istatement, hemm depozitu cash ta' tletin elf (30,000), illi dan sar minn naha ta' Antonia Camilleri pero', sar cash. Imma dan m' ghandniex minn fejn gew il-flus."*** *Meta izda sar dan id-depozitu minn Antonia baqa' fatt mhux pruvat.*

*Kien ghal dan il-ghan li l-qorti tqis li kellhom jigu prezentati l-bank statements ta' kontijiet tal-imputati registrati f'isimhom personalment. Minn dan kellu jigi pruvat id-data meta, kemm il-darba Antonia dahhlet fil-pussess ta' €30,000 kif jinghad seta' jigi determinat jekk dawn il-flejjes gewx depositati "f'Awissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010" kif addebitat lilhom fl-att akkuzatorju.*[16]

*Fid-dawl ta' tali provi biss il-Qorti kienet titqieghed f'posizzjoni biex tiddetermina jekk fit-totalita` tal-provi indizzjarji migjuba setghax tinstab htija fl-imputati o meno.*

*Ghalkemm il-Qorti tista' ma temminx il-verzjoni tal-imputati dwar dawn it-€30,000 madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti li jwasslu sal-konvinciment morali ta' din il-Qorti li tqis li dawn it-€30,000 verament ittiehdu mill- imputati b'qerq kif allegat minn Pace.'*

Jirrizulta li meta xehed Romwald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta fil-hdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) huwa xehed dwar zewg bills payables fl-ammont ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) u iehor fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000) li gew depozitati l-HSBC. Ma jirrizultax izda meta dawn gew depozitati originarjament fil-Bank of Valletta. Dwar dan l-Ewwel Qorti kienet qieset li '*Baqa' ma giex soddisfacentement ippruvat kontra xhiex inhargu l-bills payable, mahruga minn Antonia u cioe` jekk din kellhiex kont f'isimha u nhargu minn hemm jew jekk inhargu wara li pprezentat il-bank bi flus kontanti.* ***F'liema zmien*** *giet fil-pussess ta' dawn il-flejjes kollha li in*

[16] Fol.1 (Din in-nota tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata mija u tnejn u tmenin (182) tas-sentenza appellata)

*<u>konsiderazzjoni tal-istess kienet kapaci tordna dawn iz-zewgt bills payable?</u> Dan jinciedi direttament fuq il-mertu tal-imputazzjoni u senjatament fuq iz-zmien li sehhew il-fatti imputati lill-kopja Camilleri galadarba l-akkuza tirrisali ghal "Awissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010".*[17] ' Dwar kontra xiex inhargu l-bills payable, din il-Qorti tqis li skont il-kopja tac-cekkijiet a fol 217 et sequitur u mmarkat bhala Dok RA3 tnizzel numru ta' kont ta' Antoinette Camilleri, filfatt hemm imnizzel '*Debit my Acc.No.40014624005*'. Ghalkemm dawn il-bankers draft hargu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) u fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) ma giex ippruvat kif u come dawn l-ammonti spiccaw ghand Antonia Camilleri u meta gew originarjament depozitati fil-kont ta' Antonia Camilleri u ghalhekk setghux kienu parti mill-flus li l-kwerelanta tallega li ghaddiet lil Antonia Camilleri biex tiddepozitalha. Ghalkemm l-Ispettur Anne Mairie Micallef fis-seduta tat-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) tghid li '*nista nesebixxi wkoll l-istatement li gie riprodott lili minn naha tal-Bank of Valletta. Li kien hemm f' dan l-istatement, hemm depozitu cash ta' tletin elf (30,000), illi dan sar minn naha ta' Antonia Camilleri pero', sar cash, Imma dan m' ghandniex minn fejn gew il-flus.*' dan l-istatement ma jirrizultax li gie esebit u lanqas jirrizulta meta dawn il-flus kontanti gew depozitati.

L-ilment tal-Avukat Generali fl-appell tieghu huwa li l-ezistenza tal-flus ghand il-kwerelanta giet ppruvata tramite t-testimonjanza ta' Albert camilleri li kien imur isarfilha l-flus minn Maltin ghal Ewro u li meta l-kwrelanta marret il-bank tistaqsi dwar it-tletin elf (30,000) u s-seba'telef (7000), huwa kien maghha u l-manager qaltilha li t-tletin elf (30,000) qatt ma gew depozitati filwaqt li flus ohra gibidhom John Camilleri. L-appellant Avukat Generali jissottometti li mill-brani tar-recordings johrog car lil-appellata ma tichadx li giet mghoddija tletin elf (30,000) fi flus kontanti izda li ssostni li

---

[17] Fol.1 (Din in-nota tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tlieta u sebghin (73) tas-sentenza appellata)

ma ghandhiex x'taqsam ghax ir-ragel l-appellat John Camilleri kien il-prokuratur ta' Pace. Jissottometti li l-buon sens jiddetta li jekk persuna tigi mitluba tirrestitwixxi somma li qatt ma giet mghoddija lilu, jkun hemm xi forma ta' kontestazzjoni. Dwar dan, din il-Qorti taqbel li persuna li tigi mitluba taghti lura ammont ta' flus li qatt ma ghaddew lilha, normalment jikkontesta dan. Kif gia kkunsidrat minn din il-Qorti, l-appellata Antonia Camilleri tispjega li kienet fehmet li Katerina Pace kienet qeghda tirreferi ghat-tlett'elef Maltin li originarjament kif poggiet il-bank. Din il-Qorti ghandha r-rizervi dwar kemm hija veritiera l-ispjegazzjoni moghtija mill-appellata dwar r-recording fejn jissema t-tletin elf (30,000) tant li kif ikkunsidrat aktar kmieni tqis l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-appellati dwar il-mod kif l-appellata Antonia Camilleri wiegbet fir-recording bhala konfuzjonarji u kunfliggenti, izda suspetti mhumiex bizzejjed biex tinstab htija. Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti peress li jirrizulta li Katerina Pace kienet regolarment tmur il-bank, tqis bhala inverosimili li wara li allegatament ghaddiet din is-somma lill-appellata, hija ma ndagatx dwar dawn il-flus la darba kienet tmur tigbor il-pensjoni hija stess. In oltre' ghalkemm din il-Qorti tista' tifhem li forsi l-kwerelanta ma hasitiex sigura li tmur hija stess bil-flus il-bank, setghet talbet li jakkumpanjaha xi hadd mill-appellati la darba kienet tafda tant lilhom.

Peress li l-Ewwel Qorti qieset li kellu jigi pruvat li l-allegata somma ta' tletin elf ewro (30,000) ittiehdu b'qerq u jekk verament inghataw li jigi pruvat id-data meta Antonia dahlet fil-pussess ta' dan l-ammont. L-Avukat Generali jaghmel ukoll sottomissjonijiet dwar meta dan l-ammont ta' tletin elf ewro (30,000) allegatament ghaddew lill-appellata Antonia Camilleri. L-Ewwel Qorti qieset li ma giex pruvat jekk u meta ghaddiet is-somma ta' tletin elf ewro (30,000) lil Antonia Camilleri. L-Avukat Generali jissottometti li mill-atti processwali u senjatament mir-ricerki u dokumenti bankarji esebiti fl-atti processwali jirrizulta li l-ammont ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro (6988) ngibed minn John Camilleri permezz tal-prokura li kellu fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena

elfejn u ghaxra (2010) u li fl-istess gurnata wkoll ngibed l-ammont ta' tlett mija u tnejn u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€392.68) bl-istess prokura msemmija. Kwindi jissottometti li in linea max-xhieda tal-vittma cioe' b'mod specjali fejn hija ssostni "*wara ftit*", wiehed ghandu jifhem li z-zmien meta l-allegata somma ta' tletin elf (30,000) nghatat lil Antonia Camilleri bil-fors ried ikun qabel is-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ghaliex kien biss wara ftit li l-parte civile talbet lil Antonia Camilleri tpoggilha s-somma ta' tletin elf (30,000) illi Camilleri infurmatha li kienu gabru s-somma ta' cirka sebat'elef (7000) mal-ammont ta' tletin elf (30,000), xi haga li qatt ma saret u dan hekk irrizulta mix-xhieda tal-parte civile u Joseph Camilleri li kien qed jakkompanja lil parte civile meta din skopriet b'dan kollu.

Jirrizulta li meta xehdet il-kwerelanta Katerina Pace spjegat li Antonia Camilleri:

'*kienet tbezzghani li ghad jehduhomli u x' naf jiena u imbghad jiena ghidt mela ahjar naghtihomlha u taghmilhomli l-bank. U tajthomla u imbghad* ***wara ftit*** *giet qaltli u kellek 7000 ohra l-bank gbarthomlok mal-ohrajn biex imbghad naghtuk l-imghax taghhom. U l-imghax ma tawholi qatt.*' Spjegat li '*tajthomla biex taghmilhomli l-bank u hi qaltli imbghad ingibulek l-imghax taghhom. Mhux talli ma gabitlix l-imghax imma talli haditli is-7000 l-ohra.*' Meta xehdet f'seduta ohra il-kwerelanta spjegat li '*kelli sebat elef il-bank jien ukoll, qaltli gbarthomlok maghhom biex ibaghad naghtuk l-imghaxx taghhom. U l-imghaxx ma waslu qatt hames snin.*' Spjegat ukoll li '*Imbaghad mhux talli tajthomla talli haditli dawk li kelli l-bank qaltli ghamilthomlok maghhom, imbaghad naghtuk l-imghax taghhom, u l-imghaxx qatt ma waslu. Hames snin shah.*' Fil-kwerela li tinsab a fol 34 u 35, l-Pulizija gew mitluba jagixxu anke dwar appropjazzjoni indebita tas-somma tat-tletin elf ewro (€30,000) fix-xhur tas-sajf tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Filwaqt li fl-ittra ufficjali li tinab a fol 36 prezentata minn Caterina Pace fil-konfront ta' John Camilleri u Antoinette Camilleri hemm referenza ghas-somma ta' tletin elf (30,000) fdata f'idejn Antoinette Camilleri f'Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Fir-risposta ta' din l-ittra ufficjali a fol 38 prezentata minn John Camilleri ma hemm l-ebda referenza ghall-ammont ta' tletin elf ewro. Id-

data indikata fic-citazzjoni huwa '*f'Awissu u fix-xhur ta' qabel tas-sena 2010*'. L-Ewwel Qorti qieset li ma giex ippruvat meta tghaddew l-allegati tletin elf (30,000) lil Antonia Camilleri. Din il-Qorti ghalhekk trid tqis jekk il-fatt li l-kwerelanta xehdet li ftit wara li tat dawn il-flus lil Antonia Camilleri, din tal-ahhar qaltilha li gabritilha s-sebat'elef maghhom u li ghalhekk jekk il-kwerelanta bil-kliem '*imbghad* ***wara ftit*** *giet qaltli u kellek 7000 ohra l-bank gbarthomlok mal-ohrajn biex imbghad naghtuk l-imghax taghhom*' kienet qieghda tirreferi ghat-trasferiment ta' sitt'elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u hdax-il centezmu (€6988.11) li sar fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010), l-ammont ta' tletin elf (30,000) allegatament moghti lil Antonia Camilleri ifisser li inghata qabel. Il-kwerelanta tuza l-kliem '*ftit wara*' li taghta s-somma ta' tletin elf qaltilha li gabret is-sebat'elef (7000) maghhom, izda l-kwerelanta ma gietx mistoqsi specifikament meta ghaddiet is-somma ta' tletin elef ewro (€30,000). In oltre' l-kwerelanta qieghda tirreferi ghal meta allegatament Antonia Camilleri qaltilha li gabrithilha s-sebat'elef (7,000) u ghalhekk mhux necessarjament li qaltilha dak in-nhar stess li sar it-trasferiment fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

L-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet* ***ta' żmien*** *u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqaquddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa') vs EMANUEL ELLUL (ID: 24564M)'**[18] gie *kkunsidrat li:*

'*F'kull kaz izda, huwa mehtieg illi jigi stabbilit x'inhuma l-parametri temporali tal-imputazzjoni*

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' April, 2019 (Kumpilazzjoni Nru: 885/12)

*kif dedotta fic-citazzjoni kontra l-imputat, halli jigi determinat jekk il-konsummazzjoni tar-reat sehhitx f'dawk il-parametri specifikati fic- citazzjoni, u dan biex jigi determinat tistax tinsab htija o meno f'dan il-kaz.*

*Kif inghad, l-imputat gie mixli illi kkommetta r-reat tal-uzurija "fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel". Isegwi ghalhekk illi kif impostata, l-imputazzjoni tirreferi ghal fatti li graw fl-20 ta' Marzu jew fix-xhur vicini ta' dik id-data. Ghalkemm l-imputazzjoni giet dedotta bhala reat kontinwat, il-Qorti ma tqisx illi l-kuncett legali tal-kontinwita` a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali jista' jestendi oltre l-parametri temporali espressament dedotti fl-akkuza, ghaliex l- Qorti ma tista' qatt issib htija ghal xi reat li jkun sehh fi zmien iehor jew f'hin iehor u mhux dak indikat fl-akkuza.*

*L-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji d-difiza taghha tajjeb u dan bic-cirkostanzi materjali indikati lilha f'dik ic- citazzjoni. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-*

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil- qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

*Huwa rikonoxxut illi z-zmien huwa cirkostanza materjali u sostanzjali tal-kaz tal-Prosekuzzjoni, b'dan illi jekk il-parametru taz-zmien ikun gie indikat hazin, allura l-binarji tal-azzjoni wkoll jitqiesu li huma hazin. Ghalkemm m'huwiex rikjest mil-ligi li fl-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni tindika bi precizjoni matematika iz-zmien tal-allegat reat, huwa certament desiderabbli li jsir hekk, specjalment fejn, bhal fil-kaz odjern, jirrizulta mill-provi illi* ***l-imputat kien ilu jislef flus lill-konjgi Worley sa minn Novembru 2010 u kwindi fuq medda ta' iktar minn sena****. Multo magis meta r-reat in kwistjoni huwa meqjus bhala wiehed istantanju u m'huwiex wiehed ta' natura permanenti, ghalkemm tul iz- zmien kollu li fih jithallsu imghaxijiet jew jigi percepit qligh jew korrispettiv b'eccess minn dak permess mil-ligi, ghandu effetti*

*permanenti.*

*Fil-kaz tal-imputazzjoni odjerna, iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi ghal xhur u mhux snin u ghalkemm bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal- fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni jista' jitqies li gie estiz ghal diversi xhur ohra, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma xhur, b'mod generali ghandhom ifissru* ***dawk il-ftit xhur qabel id-data specifikata,*** *u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu sehhew tnax-il xahar jew iktar, qabel. Inoltre, il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi ma jistghux jidhlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta' qabel", dawk ix-xhur* ***tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni****, f'dan il-kaz l-20 ta' Marzu 2012.'*

Ghalhekk kien sta ghal prosekuzzjoni biex jistaqsu lil kwerelanta biex tghid meta kienet taghat il-flus lill-appellata fosthom jekk dan sarx fis-sajf tal-elfejn u ghaxra (2010) jew billi tingab prova ta' meta l-ammonti li xehed dwarhom Ramauld Attard kienu gew fil-pussess tal-appellata u b'liema mod biex umbghad il-Qorti tqis jekk kienx hemm bizzejjed provi indizzjarji biex tinstab htija. Pruva sufficentementi dwar id-data baqghet ma ngabitx. Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti, ghalkemm tista ma temminx il-verzjoni tal-imputati dwar it-tletin elf ewro (€30,000) madankollu '*dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti li jwasslu sal-konvinciment morali ta' din il-Qorti li tqis li dawn it-€30,000 verament ittiehdu mill-imputati b'qerq kif allegat minn Pace.*' L-Ewwel Qorti qieset jekk possibli li ghalkemm il-kwerelanta kienet tircievi l-bank statements u kienet tmur il-bank tigbor il-pensjoni qatt ma vverifikat dwar dawn it-tletin elf (30,000). Jirrizulta li l-Ispettur Anne Marie Xuereb in kontro-ezami fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjegat li l-kwerelanta mea kinitx tarahom l-istatements, kienet titfahhom hemm hekk. Il-Qorti qieset li lanqas iz-zmien meta gew moghtija l-flejjes u lanqas iz-zmien meta gew depozitati l-flus fil-kont tal-appellata ma gie ppruvat ghalhekk qieset li l-kaz ma giex soddisfacentement ippruvat. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma lliberatx biss abbazi li l-perjodu meta allegatament giet mghoddija s-somma ta' tletin elf (30,000) izda ukoll li ma jirrizultax li ntuza xi ingann fuq Pace u lanqas li gie soddisfacentement ippruvat li l-appellati nghataw il-flejjes minn Pace bl-iskop li dawn

jergghu jigu ritornati lilha.

L-appellant Avukat Generali jaghmel referenza ghal parti fis-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn dwar id-donazzjoni tal-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) qieset b'referenza ghax-xhieda tan-Nutar Jurgen Galea li fost affarijiet ohra xehed li kien sodisfatt bil-kapacita mentali taghha u li kienu l-imputati li nkarigawh u hadu hsieb l-atti preparatorji kollha. Il-Qorti kienet qieset ***'Din ix-xhieda tikkontradixxi il-verzjoni moghtija minn Pace lill- Pulizija u lil din il-Qorti meta tallega li kien l-imputat li ghamel kollox minn wara daharha.'*** Skont l-appellant wiehed jifhem ghalfejn Pace ssostni li '*bi Zball, ma kontx naf x'qeghda nghid sewwa ghidt minghalija bhall ma ghidt qabel inkun nista nerga nirranga*'. In-Nutar Mariella Mizzi ukoll tikkonferma l-kwerelant kienet taf li kienet donazzjoni. Din il-Qorti tqis li l-fatt li l-parti li tkun sejra tircievi d-donazzjoni taghmel l-atti preparatorji ma jfissirx li dan ikun sar minghajr il-kunsens ta' min ikun sejjer jittrasferixxi xi beni permezz ta' donazzjoni. Din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-mertu tad-donazzjoni maghmulha mill-kwerelanta a favur l-appellat John Camilleri peress li mill-atti din il-Qorti tifhem li gew istitwiti proceduri civili mill-kwerelanta dwar dan u aktar, taqbel mal-Ewwel Qorti fejn tqis li:

'*Il-Qorti tasal tikkonkludi li hekk kif Katerin Pace marret ghand in- nutar biex tipprova tregga' lura d-donazzjoni biex ma turihx lin- neputajiet l-ohra li halliet sehma fil-propjeta` lil John, l-allegazzjonijiet minn taghha fil-kors ta' dawn il-proceduri saru bl- istess skop; biex tipprova ssewwi l-ghemil li originarjament kienet kuntenta taghmel izda li wara, ghal ragunijiet ohra, biddlet il-hsieb dwarhom.*'

L-Ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata tal-provi migjuba quddiemha u ghalkemm ma semghetx il-kaz mill-bidu nett, hija kellha l-opportunita' li tisma uhud mill-kontro-ezamijiet inkluz tal-kwerelenta u anke x-xhieda tal-appellati stess. Din il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex ragunijiet bizzejjed li abbazi taghhom ghandha tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti meta ddeciediet li l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati u ghalhekk illiberat lill-appellati minn kull htija u piena.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur